PJ (MZ6)

# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ)

KULL MA HU MALTI HU WIRT MISSIRIJIETNA
U MINNU MA NISTGĦU NWARRBU U NARMU XEJN

L-XL SENA 1971 GĦADD 16

**Il-Kumitat ta' l-Għaqda tal-Malti (Università)**

| | |
|---|---|
| *President:* | Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D.(Lond.), F.R.A.S. |
| *Viċi-President:* | Ġużè Cardona, B.A.(Hons.), M.A. |
| *Segretarju:* | Vincent A. De Gaetano |
| *Assistent Segretarju:* | Lawrence Seychell |
| *Kaxxiera:* | Mary R. Gatt, B.A.(Gen.), B.A.(Hons.) |
| *Assistent Kaxxiera:* | Isabella Camilleri Galea |
| *Segretarju Propaganda:* | Tonio Portughese |
| *Membri:* | Alfred Degabriele, B.A. |
| | Francis P. Mifsud |
| | Cesare Catania |
| | Helen Aquilina |
| | Tony Preca (*Delegat għall-Kors ta' fil-għaxija*) |

* * * * *

*Editur:* Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D.(Lond.), F.R.A.S.
*Assistent Editur:* P.D. Fenech, B.A.(Gen.), B.A.(Hons.), M.A., O.S.A.

*Stampat l-M.U.P.*

# LEHEN IL-MALTI

L-XL SENA | 1971 | GHADD 16

DAN L-GHADD FIH:

EDITORJAL: *Moda u Letteratura* – *Taħdita minn* ĠORĠ PISANI: *Laurent Ropa* – WALLACE Ph. GULIA: *Kollox mill-Aqwa u mill-Aħjar* – P. DWARDU FENECH, O.S.A.: *Tweġibiet bla Sudisfazzjon fil-Malti u fl-Ingliż* – FRANCIS MIFSUD: *Mulej Ħniena; Attent Żagħżugħ* – P. ĠUŻEPP TABONE O.F.M.: *Lid-Diwi* – J. ZAMMIT TABONA: *Ferħ* – DUN KARM: *Il-Għolja tal-Qdusija* – GEORGE MERCIECA: *F'Inżul ix-Xemx; Lit-Torri; Ix-Xita* – WALLACE Ph. GULIA: *L-Ibiscus Doppja* – MONICA BEZZINA: *Anton Buttigieg u "Qasba mar-Riħ"* – P. DWARDU FENECH, O.S.A.: *Il-"Kelma" fil-Ħsieb ta' Santu Wistin* – V. MIFSUD BONNICI: *Żieda ta' Kliem u Tifsir.*

## MODA U LETTERATURA

IL-MODA hi ħaġa li titbiddel minn żmien għal ieħor. Għax il-bniedem dejjem jixba' minn dak li jidra bih, iwarrab il-qadim biex jaqbad il-ġdid. Hemm il-moda mhux biss fl-ilbies, l-aktar tan-nisa, imma wkoll fil-forma tal-letteratura. Il-moda fil-forma tal-letteratura tista' tixxiebah ukoll mal-moda fl-ilbies tal-mara jew tar-raġel il-għaliex it-tnejn ilibbsu ġisem. Il-libsa li nilbsu tgħattilna ġisimna, il-libsa tal-proża jew poeżija tgħatti ġisem il-kitba li mingħajr libsa li tiġbru jitgħarwen u ma jingħoġobx għax jiġrilu, bħas-siġar li fix-xitwa jinżgħu l-weraq, jitgħarwnu u jsiru nisġa ta' zkuk imsanġtin ġo xulxin, qishom ħolma fantastika ta' skeletri.

Bejn il-Libsa u l-Ġisem hemm qrubija li nistgħu ngħidulha rabta taddemm, imma jibqa' l-fatt li l-libsa mhix il-ġisem u l-ġisem mhux il-libsa. Biex nibqgħu bl-istess xebh, nistgħu ngħidu li waqt li l-libsa hija element li jitbiddel (*fattur transitorju*), il-ġisem huwa element li jibqa' għal dejjem (*fattur permanenti*). Fil-waqt illi ż-żewġ elementi huma t-tnejn maħluqin għal xulxin, hi ħaġa naturali li l-libsa hi inqas mill-ġisem u li l-ġisem hu aqwa mil-libsa, imma t-tnejn jeħtieġu 'l xulxin. Il-ġisem jitgħarwen mingħajr il-libsa, imma jibqa' jeżisti fih innifsu, fil-waqt li l-libsa, meta ma tintlibisx taqa' u tintena fuqha nfisha bħal ma jiġrilha werqa maqtugħa miz-zokk u mibruma mill-irjieħ. Is-siġra tgħix mingħajr il-werqa mtajra, imma l-werqa mqaċċta tidbiel u tmut.

Ta' min iżomm f'rasu, mela, li fil-kitba letterarja m'għandniex nifirdu l-forma (*libsa*) mill-kontenut (*ġisem*), u lanqas ma għandna naqilbu r-rabta li għandu jkun hemm bejniethom.

Xi mindaqqiet niltaqgħu ma' kitba ta' proża u poeżija mingħajr ġisem; libsa weħidha li tintena u taqa' mkemmxa fuqha nfisha, maħlula mingħajr dak il-mili li jagħtiha l-ġisem b'saħħtu, li jżommha wieqfa fil-linji tagħha, skond id-disinn ta' min ħietha. Il-poeżija u proża mingħajr ġisem huma ħafna drabi mlaqttin mit-tlaqqigħ addoċċ ta' kliem li jagħmel ħafna ħoss imma li ma joħroġ l-ebda sens minnu, jew jekk joħroġ xi sens dan humaħlul minn kull qies u kejl ta' loġika u sentiment uman bħalma jiġri fil-ħolm, jonkella fit-thewdin tax-xurban. Minn hawn nistgħu nifhmu li, kien x'kien it-tibdil tal-libsa jew forma tal-kitba, l-essenza tal-poeżija mhix qiegħda fil-forma weħidha, imma fir-rabta tagħha mal-kontenut (*ġisem*).

B'kontenut ma nifhimx biss realtà oġġettiva li taraha u tmissha b'idejk; nifhem ukoll ir-realtà suġġettiva ta' dik id-dinja li hemm ġo kull wieħed minna, id-dinja ta' tqanqil il-qalb, ta' l-emozzjonijiet – biża', ferħ, għadab, serħ, disperazzjoni, rassenjazzjoni; fi ftit kliem, ċaqliq il-baħar kollu ta' ruħ il-bniedem fil-ħinijiet tal-bnazzi u tal-maltemp, tal-kalma u tal-burraxka.

L-emozzjonijiet huma parti mill-bniedem jew moħħu f'sikktu, jonkella moħħu mhux f'loku. Il-bniedem f'sikktu u l-miġnun jinqdew bil-kelma biex ifissru ruħhom, ta' l-aħħar biex ifisser it-taħwid ta' moħħu. Id-differenza fl-espressjoni bejn il-wieħed u l-ieħor qiegħda fir-raġuni u kontroll tal-moħħ f'sikktu, u nuqqas ta' rażan u kontroll tal-moħħ mhux f'sikktu. Il-wieħed u l-ieħor ma jittrattawx il-kliem xorta waħda – wieħed isensel, u l-ieħor iżarrad!

Kif għidt fil-bidu, il-bniedem irid ibiddel għax jixba' mill-istess ħaġa. Jixba' wkoll minn espressjoni ta' sanità mentali (*saħħet il-moħħ*), għax ikun draha wisq, bħal min dara jimxi fuq riġlejh u mhux fuq rasu kif kieku kien jixtieq jagħmel biex ibiddel. Minħabba f'hekk joħloq il-moda tal-insanità mentali (*ġenn il-moħħ*) li huwa jipprova jagħmel rispettabli billi jagħtiha l-isem ta' oriġinalità. Jibdel iċ-ċarezza ma' l-oskurità u jiddefendi ruħu mill-kritika ta' dawk li ma jifhmuhx u jiddejqu jħabbtu rashom billi jiddeskrivi l-*oskurità* bħala *profondità* tal-ħsieb.

Il-problema tal-poeżija li qed tinkiteb il-lum minn xi żgħażagħ tagħna hija dik ta' l-oriġinilatà żbaljata. Hemm oriġinalità u oriġinalità. Hemm l-oriġinalità tal-bniedem inġenjuż li fit-taqsim tal-għamara tad-dar joħloq pożizzjonijiet ġodda li jogħġbu għax id-disinn mhux tas-soltu, u l-bdil jaqla' iżjed il-personalità tad-dar fl-ambjent tan-nies li jgħixu fiha. Imbagħad hemm l-oriġinalità mħawda tal-miġnun; tal-bniedem li għax xeba'

mit-taqsim tal-għamara tad-dar kif sabha, iqalleb il-bċejjeċ tal-għamara mingħajr ebda sens ta' ordni u joħloq sens ta' taħwid u kruha.

Jekk inxebbhu l-kliem f'kitba letterarja mal-bċejjeċ tal-għamara fil-kmamar ta' dar sabiħa nistgħu ngħidu li hija sewwa sew din id-diżordni li qegħdin ninnotaw f'xi versi li qed jinkitbu fi żmienna – mhux l-oriġinalità fi tlaqqigħ il-kliem li joħolqu simboli ġodda, imma taħwid il-kliem u t-tixbih fl-istess ħin bħal ta' ġebel mhux minġur mixħut fl-art addoċċ, waħda tobrox u tkerrah lil oħra. M'hemm l-ebda oriġinalità f'poeżija li twarrab is-sengħa u tlaqqa' simboli strambi ma' xulxin mingħajr ma joħroġ xejn minnhom, bħalma ma toħroġ l-ebda fwieħa minn warda artifiċjali.

Jibqa' dejjem jinħass il-bżonn ta' esperimenti ġodda ta' kull fergħa ta' l-arti, u għalhekk tal-poeżija wkoll. Imma ma nitqarrqux u naħsbu li hemm xi oriġinalità fl-użu ta' dak li wieħed jista' jsejjaħ bl-Ingliż *shock tactics*, bħalma hu l-użu tal-kliem vulgari għal xejn b'xejn, kliem ħsejjes waħdu, nuqqas ta' sensibilità umana li mingħajrha ma jista' jkun hemm l-ebda sinċerità, kollox maħsub biex joħloq reazzjoni f'min jaqra l-poeżija, biex il-qarrejja jindiehxu minn xi ħaġa mhix tas-soltu. X'uħud minn dawn igħidu: "Dan mhux poeta konvenzjonali. M'għandux inibizzjonijiet. Ma jibżax mis-soċjetà, mgħallem tal-użu simboliku, tal-lingwa mibnija fuq assoċjazzjonijiet li jinfdu l-qiegħ ta' realtà psikoloġikament aktar profonda." U jinqala' minn taħt ir-riħ il-kritiku li biex juri kemm hu spreġudikat jibda jiskopri dinjiet oħra li ħafna drabi huma maħluqin jew mistħajlin minnu bħala riżultat ta' logħob bil-kliem, ta' eżerċizzju ċerebrali astratt li jaqta' r-rabta l-qadima bejn il-kliem u s-sens tagħhom.

Is-sesswalità u, xi drabi wkoll, kliem li ngħidulu baxx, jistgħu jkollhom il-kontest tagħhom sew fil-poeżija, kemm fil-proża. Imma biex jidħol fis-sengħa tal-kitba, kliem bħal dan irid ikun espressjoni ġenwina ta' sens artistiku, u espressjoni verista u mhux poża ta' min irid jiġbed l-attenzjoni fuqu, bħal min jidħol ġo sala u jkisser važun biex bil-ħsejjes tiegħu jiġbed fuqu l-attenzjoni tan-nies fis-sala, anki jekk dawn igħajruh u jinsultawh. Basta jittendu bih!

L-eċċentriċità hija ħafna drabi karatteristika ta' xi artisti temperamentali. Il-poeta Franċiż Rimbaud, meta kien għadu żagħżugħ, kien iħobb idiehex is-soċjetà pulita bl-ilbies tiegħu maħmuġ, kliem vulgari u tbeżżiq quddiem kulħadd. Din kienet eċċentriċità fl-imġiba tiegħu u forsi poża wkoll – att ta' sfida. Imma mbagħad il-poeżija li kiteb tirrappreżenta tip ta' oriġinalità ġenwina, għax il-poeżija tiegħu hi magħmula minn tlaqqigħ il-kliem (*mużikalità*) u simboli (*tixbih*) li jaqgħu fuq il-widna bħal daqqa ħelwa ta' sinfonija minn dinja oħra, jew jaqgħu fl-art bħalma taqa' l-borra bajda w in-nida fil-għodu.

Din hi l-oriġinalità ġenwina tal-artista tal-ġenju. Oriġinalità bħal din tinħass weħidha, titkejjel u titgħabbar bl-użin bħad-deheb, għax il-libsa (il-forma) tgħatti ġisem b'saħħtu, il-ġisem etereju maħluq fl-imaġinazzjoni tal-poeta li, kif igħid ismu, hu tabilħaqq *ħallieq*. Imma *ħallieq* ma jfissirx *ħawwadi*.

Fl-arti u l-kritika tagħha titbiddel kemm titbiddel il-forma bħall-moda tal-ilbies, il-kriterju tas-*sanità mentali* u l-*oriġinalità ġenwina* jibqgħu jagħżlu l-poeżija li hija tabilħaqq messaġġ ta' ġmiel, jew kobor anki jekk is-suġġett hu ikrah, minn versi mqabbla jew le li m'għandhom xejn min poeżija, għax bħal katavru spulpjat la għandhom sura u l-anqas ġisem. Liema poeżija hija tabilħaqq wirt tal-poeta lin-nies ta' żmienu u ta' warajh igħidu l-aqwa mħallef li huwa ż-Żmien. L-ebda kritiku ma jista' joħodlu postu. Lill-poeti ż-żgħażagħ (xi wħud minnhom) ngħidilhom biex ma jgħaġġlux jarmu la l-lima u lanqas l-iskalpell. Dawn il-għodda li swew ħafna lil Dante, Shakespeare u Michelangelo ħafna snin ilu u lil T.S. Eliot fi żminijietna għadhom xorta waħda meħtieġa għal min irid joħloq l-arti l-kbira, kienet x'kienet il-moda tal-libsa (forma) li tinbidel minn żmien għal ieħor. Titbiddel il-libsa, imma l-bniedem jibqa' dak li hu, u jippoża kemm jippoża biex jidher dak li mhux jista' jasal biex jidħak bih innifsu imma mhux biż-żmien. Iż-żgħażagħ tal-lum għadhom jinħabbu blistess nar li ħaraq qalb Dante Alighieri u Beatrice Portinari f'din id-dinja ta' passjonijiet ġentili u vjolenti u lil Francesca minn Rimini u ħatinha l-maħbub tagħha Paolo fid-dagħbien ta' nirien l-infern, donnu Dante ried jurina sewwa sew dak li qed ngħid jien: li titbiddel kemm titbiddel il-moda minn barra, il-bniedem minn ġewwa jibqa' dejjem dak li hu.

18 ta' Awissu 1971

Ġ. Aquilina

# LAURENT ROPA*

*Taħdita minn* Ġorġ Pisani

Donnu d-destin għażel dan id-distrett tax-Xagħra, mogħni b'tant sbuħija naturali mill-ħolqien, sabiex jiġbor fih dak kollu illi jista' jiswa sabiex ikabbar l-isem ta' din il-Gżira ċkejkna tat-Tliet Għoljiet u jagħmilha magħrufa fost il-ġnus tad-dinja.

Huwa sewwa sew f'din ix-Xagħra dejjem ħadra li jiġi l-barrani sabiex ifittex l-Għar leġġendarju tan-Ninfa Calypso, mifrux fuq is-sbuħija bla tarf tar-Ramla l-Ħamra. Hawnhekk ġew storiċi, poeti u letterati mid-dinja kollha sabiex jaraw din it-tifkira magħquda ma' dik l-opra kbira li ħarġet mill-ġenju tal-bniedem u li għadha tiddi bi ġmiel u splenduri sal-ġumata tal-lum. Għar Calypso jibqa' jiġbed studjużi mid-dinja kollha mqanqlin mill-influwenza bla tarf li kellha fuq l-ispirtu tal-bniedem il-poeżija ta' Omeru u, speċjalment, il-poema epiku tiegħu l-Odissea li fiha tixgħel u tiddi l-leġġenda stupenda ta' Għar Calypso.

Hawnhekk jiġi wkoll il-barrani biex jitgħaxxaq bil-kostruzzjonijiet kolossali u meraviljużi taż-żmenijiet Neolitiċi, aktarx l-iktar famużi li hawn fil-Gżejjer Maltin. F'dan il-bini megalitiku tal-Ġgantija, il-barrani jilmaħ il-miraklu tal-ġenju tal-bniedem li, għalkemm kien igħix f'ċiviltà primittiva, ħallielna ħafna ħwejjeġ mostura li llum għadna, forsi, m'aħniex kapaċi biżżejjed biex inweġbuhom. Hawnhekk jiġi wkoll il-barrani biex jitgħaxxaq bl-egħġubijiet li ħadem l-ilma matul is-sekoli, f'dawk l-egħrien misterjużi ta' l-istallaktiti u l-istallagmiti fejn l-alabastru Għawdxi jilbes forom strambi u fantastiċi; jiġi biex jara dawn l-egħrien kurjużi li bħalhom fil-Gżejjer Maltin ma jidħru mkien iktar.

Iżda llum il-barrani sejjer ikollu raġuni oħra għaliex jieqaf hawnhekk u għaliex jimtela bil-kurżità u bl-interess meta jilmaħ din l-irħama li tfaħħar lil Laurent Ropa. Din sejra tkun waħda mit-tifkiriet li timla bl-interess tant lin-nies ta' ġewwa, kemm ukoll lill-barranin. Għaliex dik l-irħama sejra tfakkar mhux sempliċiment bniedem letterat li ta lid-dinja l-frott tal-ġenju tiegħu, imma sejra tfakkar bniedem eċċezzjonali li bih jistgħu

*Din it-taħdita nqrat minn Ġorġ Pisani fid-29 ta' Marzu 1970 meta nkixfet lapida fix-Xagħra ta' Għawdex biex tfakkar il-poeta rumanzier Laurent Ropa fil-preżenza ta' martu, l-armla Marguerite, ħuh Patri Piju Rapa O.P., il-Ministru Vincent Tabone, Chev. Dr. Anton Tabone bħala President tal-Kunsill Ċiviku, Dr. A. Cremona, il-Prof. G. Aquilina u nies oħra.

jkunu mkabbra u ferħana pajjiżi wisq akbar minn din l-art ċkejkna illi tagħtu l-ħajja. Sejra tfakkar patrijott fil-veru sens tal-kelma, ġentlom li ma jistħix min-nisel u l-oriġini tiegħu, iben, li għalkemm imbiegħed millomm li tagħtu l-ħajja, qatt ma nsieha la fil-kitba li ħarġet minn idejh u l-anqas fl-attivitajiet kollha ta' ħajtu. Mhux talli ma nsihiex, imma ttifkira tagħha kellha sehem kbir fix-xejra li ħadu l-attivitajjiet kollha tiegħu bħala bniedem u bħala letterat.

Laurent Ropa, *il-bniedem li ġejna hawnhekk sabiex infakkru*, jista' jitqies tabilħaqq bħala bniedem eċċezzjonali. Imwieled fil-25 ta' Diċembru tas-sena 1891, hawnhekk ġewwa x-Xagħra, huwa kellu jinfired minnha meta kellu sentejn biss billi missieru, Ġużeppi Rapa, u ommu, Karmela, kellhom jemigraw għall-Belt ta' Bona, fl-Alġerija, sabiex ifittxu x-xogħol. F'dik l-art ospitali trabba u kiber iċ-ċkejken Laurent. Laurent beda listudji tiegħu fl-Ecole Normale ta' Kostantina sakemm l-istudji tiegħu wassluh biex isir surmast fl-iskejjel tal-Gvern u iktar tard Direttur ta' skola pubblika ta' dak id-distrett. Fi żmien il-gwerra ta' l-1914-1918 Laurent Ropa daħal fl-armata Franċiża fejn, għal erba' snin sħaħ, bħala fizzjal fir-reġiment famuż taż-Żuavi, iġġieled u xerred demmu għal dak il-pajjiż li kien laqgħu fi ħdanu tarbija. Meta ntemmet it-tieni gwerra dinjija, Laurent Ropa ma reġax lura lejn l-Afrika, iżda għażel li jibqa' jgħix fi Franza. Fi Franza huwa ltaqa' mas-sieħba ta' ħajtu *li llum għandna l-unur nilqgħu fostna hawnhekk.* Minn dan iż-żwieġ Ropa kellu żewġ ulied, ġuvni u xebba, li l-hena tagħhom kien dejjem li jisimgħu 'l missiehrom ikellimhom fuq il-Gżejjer Maltin. Bid-diplomi u l-esperjenza li kiseb fit-tagħlim huwa nħatar ukoll hawnhekk direttur ta' skola. Iżda Laurent kien iħoss li fid-dinja huwa kellu missjoni importanti u ta' fejda x'jaqdi, il-missjoni tal-kitba. Ġo fih kien qed iħoss nar qawwi li kellu bżonn igħaddih lil ħaddieħor. Ix-xrara tal-poeżija xegħlet minn kmieni ġewwa moħħu u ġewwa qalbu u xegħlet f'torċa ta' ġmiel u sbuħija kif jidher mill-versi li ħarġu mill-pinna tiegħu. Ismu bħala poeta deher fi ktieb ippubblikat f'Pariġi bl-isem ta' *Anthologie des Poètes Neo-Classiques.* F'din l-antoloġija aħna nsibu sitta mill-poeżijiet tiegħu. Barra minn dan, Ropa ħareġ ukoll tliet kotba żgħar ta' poeżiji. Meta fis-sena 1945 kien bagħatli l-ewwel wieħed minn dawn il-kotba, awtografat minnu stess, li kien jismu *Notre Dame de la Vie* u ddedikat lill-għażiża martu, jiena dritt intbaħt li, għalkemm Laurent Ropa fuq kollox u qabel kollox kien rumanzier, b'danakollu huwa kien mogħni tabilħaqq b'qalb ta' poeta u kellu pinna tajba li taqdih biex ifisser bil-ħeffa u mingħajr taħbit it-

tqanqiliet kollha ta' qalbu. Kien bagħatli t-tieni ktieb tal-poeżiji tiegħu fis-sena 1950 li kien jismu *Le Jardin d'Allelik.* It-tielet ktieb ta' poeżiji li kien jismu *La Prière à Hippone* kont irċevejtu madwar is-sena 1953. Qalu sewwa l-kritiċi ta' Ropa illi l-poeżija tiegħu ma fihiex realiżmu, imma ħsebijiet kważi eterei, viżjonijiet sbieħ tan-natura u nisġa ta' mħabba u tamiet, ġewwa sensiela ta' ħolm lelliexi u mdawwal. Ir-rumanzi li kiteb kisbulu tifħir u unuri minn kullimkien. L-ewwel wieħed, li deher fis-sena 1932, jismu *Le Chant de la Noria,* jiġifieri l-għanja tas-siena. It-tieni rumanz tiegħu li deher fis-sena 1936 kien jismu *Kaline.* L-aħħar rumanz tiegħu, maħruġ fis-sena 1960, kien iġib l-isem ta' *Bou Ras.*

Huwa kellu ħsieb li joħroġ żewġ rumanzi oħra u dramm fi tliet atti. Xtaq ukoll li jittraduċi mill-Malti xi poeżiji oħra, barra dawk li kien it-traduċa qabel. Naħseb illi dan ix-xogħol laħaq temmu, għalkemm dawn il-poeżiji tradotti mill-Malti għadhom ma rawx id-dawl. Fis-sena 1937 huwa qaleb mill-Malti għall-Franċiż wieħed u tletin poeżija ta' xi wħud mill-poeti Maltin li fosthom, għandi l-unur ngħid, hemm xi poeżiji tiegħi wkoll. Huwa imexxielu jistampa dawn il-poeżijiet fi ktieb wieħed taħt l-isem *Poètes Maltais.* Il-ktieb kien jagħmel sehem mill-magħrufa ġabra *Les Cahiers de Barberie.* F'dan il-ktieb, barra li huwa qaleb għall-Franċiż dawn il-wieħed u tletin poeżija, kiteb ukoll introduzzjoni u tagħrif storiku u reġa' wera, għal darb'oħra, is-sbuħija u l-qawwa ta' l-art illi tatu l-ħajja. Dan il-ktieb ta' Ropa qajjem sensazzjoni kbira fost il-letterati ta' ħafna pajjiżi li għalihom il-ġmiel tal-letteratura ċkejkna tagħna kien għadu moħbi għal kollox.

Huwa kien jikteb regolarment dwar Malta u l-affarijiet Maltin f'ġurnal li kien joħroġ f'Susa u li kien jismu *Melita* u li kellu lil Jean Vella bħala editur. F'dan il-ġurnal Ropa qaleb ukoll għall-Franċiż id-dramm patrijottiku *L-Akbar Imħabba* ta' Ivo Muscat Azzopardi. Fil-Qari Malti ta' Port Said kien deher studju twil u dettaljat ta' Ropa taħt l-isem *Malte et sa Littérature.* Fih Ropa wera kemm kien tabilħaqq infurmat tajjeb dwar l-arkeoloġija u l-istorja ta' Malta kif ukoll dwar il-ħila artistika u letterarja tal-Maltin. Nafu wkoll li huwa qaleb għall-Franċiż ir-rumanz tal-Professur Ġużè Aquilina *Taħt Tliet Saltniet,* għalkemm dan ix-xogħol voluminuż s'issa għadu ma ġiex ippubblikat. Fir-rumanz li kiteb Ropa l-personaġġi tiegħu huma aktarx kollha Maltin. Fihom l-awtur wera biċ-ċar ix-xewqa kbira li kellu f'qalbu li jagħti pubbliċità mill-akbar lil dawn il-Gżejjer maħbubin tagħna u jnissel interess fihom fil-moħħ ta' dawk kollha li kienu jaqrawhom.

Fit-tifhir li għamlulu l-ġurnali ta' Franza hemm ftit kliem meħud mill-ġurnal *Le Petit Matin* ta' l-10 t'April, 1937 li jiġbor, fi ftit kliem, is-servizz kbir li għamel għal Malta dan il-bniedem. Il-ġurnal qal hekk: "Il-Letteratura tad-dinja ġiet mogħnija bi lsien u ruħ ġodda." Fir-rivista Bulgara *Slovo* kien deher artiklu twil bir-ritratt ta' Ropa, filwaqt li artikli oħra t'apprezzament għax-xogħlijiet tiegħu dehru f'gazzetti u pubblikazzjonijiet ġewwa Tuneż, Bona, Sofija u Brussels. Il-ġurnali ta' barra ma naqsux illi jinteressaw ruħhom dwar ix-xogħlijiet li kienu joħorġu mill-pinna tiegħu. Fost artikli oħra dwar il-ħidma letterarja tiegħu nsibu kitba interessanti fil-ġurnal *Le dépêche de l'Est*. Saru wkoll konferenzi fuq il-kotba tiegħu f'Tuneż, Kostantina u Bona. Xi wħud mill-poeżijiet tiegħu ġew magħżula sabiex jixxandru minn fuq ir-Radju ta' Pariġi.

Il-pinna tiegħu ma kienet tedha qatt taħdem biex ixxerred l-isem ta' Malta u dak kollu li hemm tajjeb fil-ġens Malti ma' kullimkien. Fis-sena 1946 fil-ġurnal *Les Lettres Françaises* kiteb artiklu tassew interessanti dwar il-Poeta Nazzjonali tagħna Dun Karm li lejh huwa kellu qima kbira. Is-suċċessi tax-xogħlijiet tiegħu ġibduh iktar lejn ġensu u lejn art twelidu u mħabba f'hekk tħabbeb iktar mal-letteratura Maltija u ma' l-esponenti tagħha fil-Gżejjer Maltin. Il-qari ta' xogħlijiet letterarji Maltin komplew xegħlu ġo fih il-fjamma ta' l-imħabba lejn art twelidu. Aktar ma beda jaqra bil-Malti, aktar beda jixtieq li jiftaħ fommu u jitkellem bil-Malti. Il-kwistjoni kienet biss ma' min sejjer jitkellem bil-Malti. Wara sikta ta' tletin sena, aktarx bil-biża' u bit-temtim għall-ewwel, ħall ilsienu meta ġietu l-okkażżjoni li jiltaqa' fi Franza mal-Professur Saydon u mal-Professur Aquilina, għad-dell tal-Katidral ta' Chartres fit-30 ta' Lulju tas-sena 1937.

Huwa stess jiddeskrivi din il-laqgħa f'artiklu li kien deher fil-*Melita* tal-5 ta' Novembru tas-sena 1938. Isimgħu b'liema mod huwa pitter din il-laqgħa: "Iżda b'liema lsien fissirna ruħna? Il-Professur Saydon u Aquilina jafu l-Ingliż, jafu wkoll ftit Franċiż, jiena naf ħażin ħażin it-Taljan. Stajna, kieku ridna, infissru ruħna f'dawn l-aħħar żewġ ilsna: iżda aħna ma konniex f'Chartres għal daqshekk. Għall-ewwel ftit ta' tbeżżigħ biex nibda, għaliex wara tletin sena ftit stajt inħaddem l-ilsien ta' misserijieti, tajt il-ġieh lill-Malti fostna billi qbadt nitkellem bih. Il-ħbieb tiegħi ħabtu jistagħġbu meta semgħuni nitħaddet, tista' tgħid bil-ħeffa, u jiena wkoll stagħġibt bija nnifsi. Ma ngħidx li tkellimt bil-Malti tal-Għaqda, iżda kien mill-aħjar nisel, min-nisel il-bdiewa, li fost in-nies kollha tad-dinja jżommu u jżommu biss dak li hu l-aktar utieq fin-nazzjon".

Minn dan il-kliem, kif diġà tarraft qabel, jidher ukoll illi Ropa, bħannies kollha kbar tad-dinja, ma kienx jistħi mill-oriġini tiegħu. Kien iħossu bħala unur li jistqarr li kien ġej minn familja tal-bdiewa u li kien twieled f'Għawdex, Gżira eminentement agrikola. Din l-imħabba għall-kampanja u għas-sbuħija tan-natura tinħass b'mod evidenti u konvinċenti ħafna filkitba kollha li ħarġet minn idejh, tant tal-poeżija kemm ukoll tal-proża. Dan jidher ukoll mill-esperjenza tiegħi personali i mir-rabtiet ta' ħbiberija li kelli miegħu. Jiena ma kontx nonqos li nibgħatlu l-kotba kollha li kont nistampa, tant tal-poeżija kif ukoll tal-proża. Wara li kien jirċievi dawn il-kotba huwa kien dejjem jiktibli ittri li jimlewli qalbi b'kuraġġ kbir, ittri li sejrin jibqgħu waħda mill-isbaħ tifkiriet ta' ħajti. Il-poeżija tiegħi kienet tolqtu u tqanqlu għaliex fiha kien iħoss dak l-element illi tant kien iħobb, is-sbuħija tan-natura u l-ilwien imżewqa tal-ħolqien. Iżda x-xogħlijiet tal-palk li kont nippubblika u nibgħatlu ma kenux jiġu milqugħa minnu bl-istess entużjażmu li bih kien jilqa' l-poeżija tiegħi. Ir-raġuni kienet illi, billi dawn ix-xogħlijiet tal-palk huma kollha ritratt tal-ħajja fis-soċjetà moderna, huwa kien jixtieqni nikteb dwar xi ħaġa taqbel iktar ma' l-ambjent karatteristiku t'Għawdex. F'ittra li kien kitibli fis-sena 1949, wara li kien irċieva l-ktieb tiegħi tas-sunetti *Il-Waltz tad-Dellijiet* kien għamel riferenza għax-xogħlijiet tiegħi tal-palk. Huwa staqsieni: "Inti tikteb spiss għat-teatru? Jiena ma naħsibx illi l-vuċi li int għażilt taqbel mat-temperament tiegħek. Għaliex ma tippruvax tikteb xi idillju rustiku li fih tkun tista' tkanta t-tifħir tal-kampanja sabiħa Għawdxija. Calypso ma tħosshiex tispirak?" Minn dan il-kliem jidher ċar kemm Ropa, għalkemm imbiegħed minn art twelidu, kien għadu Għawdex għal kollox b'qalbu, fis-sentimenti u fi ħsibijietu.

Il-kampanja t'Għawdex, bl-għoljiet, bil-fjuri u bil-fwieħa balzmija tagħha kienet kollha kemm hi f'qalbu u f'ruħu tnebbħu u taħdem sħiħ fuq ħsibijietu. Fl-iskola ta' ħoġor ommu kien daq il-ħlewwa tal-kelma Maltija u magħha xorob il-benna u l-ħlewwa kollha tal-viżjoni mdawla tas-sbuħija primittiva tal-Gżira favoluża li tagħtu l-ħajja. Laurent Ropa, bniedem ta' qalb u fantasija kbira, kien dejjem joħlom fuq dawn il-Gżejjer Maltin li, aktar kemm kienu bgħid minnu fiżikament, iktar kienu viċin lejh moralment u sentimentalment. Huwa kien ilu jgħajjex f'moħħu ħolma kbira u patrijottika, dik illi jara l-Għaqda tal-Maltin imxerrda mad-dinja kollha, f'eżerċitu wieħed li jaħdem u jistinka biex igħolli l-isem ta' dawn il-Gżejjer u jżomm ħaj fost il-membri ta' din ix-xirka r-rabta qawwija bejnhom u bejn din l-omm ħanina, Malta. Huwa kien joħlom ukoll monument fil-Belt Val-

letta lill-mexxej erojku tal-Assedju l-Kbir, La Vallette, billi kienu impressjonawh wisq il-versi tal-poeta Ġanni Vassallo li bihom kien ċanfar lilna l-Maltin għaliex ma waqqafniex monument lil dan ir-rebbieħ ta' l-Assedju tal-1565.

Huwa xtaq illi dan ix-xogħol kellu jsir mill-iskultur Malti Grech li kien rebaħ f'dak iż-żmien il-*Grand Prix di Rome* fil-Villa Medicis ta' Ruma li hija proprjetà tal-Gvern Franċiż fejn isiru l-konkorsi li tniedi l-Akkademja tal-*Belle Arti*. Dan il-ħolm u dawn il-proġetti kollha ta' Ropa jkomplu jkabbruh mhux biss bħala poeta u rumanzier, imma anki bħala patrijott mill-aqwa illi, għalkemm imbiegħed minn art twelidu, kien dejjem jaħseb u jħammem kif jista' jagħmel biex jaraha iżjed magħrufa, meqjuma u maħbuba ma' kullimkien.

Din ma hix l-istorja ta' Laurent Ropa. Dawn huma biss ftit noti biex jirriżaltaw il-figura tiegħu bħala kittieb u bħala patrijott. Tinħtieġ wisq iktar kitba u xogħol, u fuq kollox, wisq iktar żmien biex wieħed jista' jagħti idea tajba tal-kwalitajjiet kollha kbar u nobbli li bihom kien imżejjen dan il-bniedem eċċezzjonali. Imma dawn il-ftit daqqiet ta' pinzell huma biżżejjed biex jirriżaltaw il-figura tiegħu u jġagħluna nifhmu bniedem li kien tabilħaqq eċċezzjonali fl-aspetti kollha ta' ħajtu u fl-attivitajjiet li jikkaratterizżaw il-ħidma patrijottika tiegħu. Kien bniedem eċċezzjonali għaliex l-istorja ta' ħajtu kważi twaqqa' għal kollox it-tagħlim psikoloġiku u proverbjali illi "bgħid mill-għajnejn, bgħid mill-qalb". Laurent Ropa mill-bogħod ta' l-Alġerija u ta' Pariġi kien iktar qrib lejn Malta minn ħafna oħrajn li kienu jgħixu ġo Malta stess fi żminijietu. Huwa kien bniedem li jiġbor fih dak kollu li hu għoli u kbir fin-nazzjon. Laurent Ropa jepitomizza u jissintetizza l-ideal tan-Nazzjonaliżmu Malti. Nistgħu ngħidu, bla biża' li niżbaljaw, li huwa kien wieħed mill-prekursuri li taw eżempju ta' dik il-kuxjenza nazzjonali li għandha ssawwar il-karattru Malti fil-perijodu ta' wara l-Indipendenza.

Il-qalb ta' Ropa kienet magħmula minn tliet elementi: imħabba għar-Reliġjon, għal Ilsienna u għal Pajjiżna. Iżda tiegħu ma kenitx imħabba prattika, attiva u militanti. Huwa kien igħix bil-viżjoni luminuża ta' Malta ħielsa u meqjuma, ta' Malta fl-Ilsien u l-Qalb, Nazzjon magħquda. F'ġurnal Malti tad-9 ta' Jannar ta' l-1939 wieħed kittieb li kien ta tagħrif dwar Laurent Ropa, li allura kien għadu ħaj, spiċċa l-artiklu tiegħu b'dawn il-kelmiet: "J'Alla l-Maltin kollha jiddakkru minn Laurent Ropa u li art twelidhom issir għażiża għalihom daqs kemm hi għażiża għalih". Illum li Laurent Ropa huwa mejjet *u li qegħdin nagħmlu t-tifkira tiegħu*

*f'dan id-distrett sabiħ illi rah jitwieled,* dawn il-kelmiet tal-ġurnal Malti għandhom idoqqu f'widnejna bħala twissija kontra l-kurrenti perikulużi li jinsabu jiġru fostna u li jheddu, bħal ma heddew dejjem, li jeqirdu l-immaġini ta' Malta u tal-karattru Malti.

Kemm kien jifraħ kieku kien fostna llum il-patrijott tagħna u sata' jara lil Malta tiegħu indipendenti, ħielsa, magħrufa u meqjuma barra mix-xtut limitati tagħha. Kemm kien jieħu gost kieku sata' jara lill-Maltin jieħdu sehem fil-laqgħat u l-assemblei ta' l-Ewropa u l-bandiera Maltija, Bajda u Ħamra, tperper glorjuża flimkien ma' ta' Nazzjonijiet oħra kbar f'kungressi, esibizzjonijiet u laqgħat oħra internazzjonali hawn Malta u barra minn Malta. Kemm kien jifraħ li kieku sata' jara dak l-Ilsien li tant kien iħobb, għaliex xorbu ma' ħalib ommu, qiegħed, sa fl-aħħar, jingħata dik il-qima u dak ir-rikonoxximent li jistħoqqulu bħala lsien il-poplu. Mill-ġenna tal-patrijotti u ta' l-eroj Laurent Ropa llum qiegħed iħares lejna u qiegħed jitbissem fuq din iċ-ċerimonja, jitbissem fuq dan id-distrett li rah jitwieled u fejn hawn jistrieħu l-fdalijiet ta' l-għażiż missieru. Qiegħed jitbissem mhux għaliex qiegħed jara dawn iċ-ċelebrazzjonijiet f'ġieħu, mhux għax sejjer jara lill-għażiża martu Marguerite Ropa tikxef il-lapida li ġġib ismu, u lil ħuh, Patri Piju, iberikha, mhux għaliex qed jara lill-awtoritajjiet u tant personalitajjiet oħra hawnhekk preżenti lesti biex isellmulu u jagħtuh qima, imma qiegħed jifraħ għaliex qiegħed jara jittrijonfa, bil-mod il-mod, l-ideal ta' ħajtu, l-ideal li jara li dak kollu li hu Malti u dak kollu illi jkabbar il-ġens tagħna qiegħed jiġi iżjed mifhum u apprezzat minn kulħadd. Mill-ġenna tal-patrijotti u ta' l-eroj, l-iben għażiż ta' din il-Gżira qed jagħmlilna għall-aħħar darba din it-twissija: Żommu dejjem f'qalbkom sħaħ l-ideali kbar li jagħmlu lil Malta Nazzjon, tħallux li Malta titlef l-identità u l-individwalità tagħha, tqabdu u ħabirku għal dak kollu li hu Malti, ħallu li Malta tibqa' dejjem Maltija.

# "KOLLOX MILL-AQWA U MILL-AĦJAR"

Ta' W.PH. GULIA

IS-SINJURA Martha kienet tinsab imħassba mhux ftit. Kellha t-tifla ż-żgħira tbati bit-tunsilli u dan l-aħħar il-Professur kien qatagħha li jridu jinqalgħu. L-operazzjonijiet ma jogħġbu lil ħadd u wisq inqas lis-sinjura Martha li dejjem rat kif għamlet biex l-operazzjonijiet twarrabhom, hekk li l-ftaħir tagħha kien li ġisimha kien għadu kollu sħiħ u li sħiħa kellha tidher bih quddiem il-Ħallieq fl-aħħar jum tad-dinja.

Imma issa ċ-ċkejkna Clothilde kienet reġgħet b'attakk ieħor fi griżmejha u l-Professur kien qatagħha li malli jgħaddilha sew, jaqlagħlha t-tunsilli 'l barra. Għall-magħmul m'hemmx kunsill, u la l-ħaġa trid issir, ikollok tbaxxi rasek għaliha. Hekk għamlet is-sinjura Martha; biss qatgħetha illi la t-tifla kellha tagħmel l-operazzjoni għandha tagħmel kollox mill-aqwa.

Għalhekk staqsiet fuq li staqsiet biex tara l-Professur li kienet kelmet kienx tabilħaqq l-aqwa tabib li għandha Malta li jaħdem f'dik il-linja. U meta sħabha, kemm dawk li jifhmu kemm dawk li ma jifhmux, fissru fehmthom li hu kien l-aqwa u l-aħjar għamlitlu viżta biex tisħaqlu li kollox irid ikun mill-aqwa u mill-aħjar.

Il-Professur laqagħha b'idejh miftuħa, u wara li staqsieha kif kienet tħossha, is-Sinjura Martha mill-ewwel marret f'ras il-għajn u qaltlu li marret tarah imħabba bintha, biex tingħażel id-data ta' meta ċ-ċkejkna Clothilde kellha titlef it-tunsilli tagħha.

Il-Professur kien jagħmel minn dawn l-operazzjonijiet bl-egħxieren u għalhekk din l-operazzjoni għalih kienet ħaġa ta' xejn. Ta' bniedem ta' l-affari tiegħu li kien beda jistaqsi ħalli jieħu ħsieb kollox bl-inqas telf ta' żmien.

– Mela, għall-operazzjoni ikollna bżonn l-ewwelnett l-anestetista, dak li jraqqad lill-pazjent. Lil min insejħu?

Is-sinjura Martha ma kenitx taf min huma t-tobba li jaħdmu l-anestesija; għalhekk rat li l-aħjar tħalli f'idejn il-Professur li kien l-aqwa u l-aħjar.

– Jien ma nafx lil min naqbdu nsejħu. L-aħjar ngħidu lil min jidhirlek int. –

– Tajjeb, mela ngħidu lit-tabib X? –

– Tajjeb, basta l-aqwa u l-aħjar li għandna Malta, wieġbet Martha.

– U għall-Isptar? Fejn nagħmlu l-operazzjoni? –

– L-isptar eh? –

– Agħżel int. Ngħidu aħna Saint Luke's, il-Blue Sisters, Santa Caterina...

– Ara, Professur, agħżel int, basta l-aqwa u l-aħjar. Biss kamra privata, għax naħseb dak il-krib tal-morda jbeżżagħha liċ-ċkejkna Clothilde. Kamra waħidha u s'intendi kemm iddum l-isptar iżkun irrid noqgħod magħha jien. Aħseb għal kamra b'żewġ sodod, waħda għal Clothilde u l-oħra għalija biex noqgħod magħha kemm iddum l-isptar; u, bilħaqq, kemm tkun teħtieġ tibqa' l-isptar? Ħalli nara ma' min ser inħalli ż-żewġt itfal il-kbar sakemm indum barra mid-dar. –

– U kemm tista' ddum? Ġimgħa? Bl-eżatt eżatt ma nħobbx ngħid minn qabel, għax ix-xitan kelb u f'dawn l-affarijiet ġurnata 'l hawn u 'l hemm ma tistax tintrabat biha minn qabel. Insomma, dak naraw ... skond ma jinqala' nagħmlu... –

– Hekk hu, imma, Professur, mhu ser jinqala' xejn, hux? –

– U le xi tridu jinqala'? –

– Mhux se tmutli, hux? –

– U le! –

– Imma żgur? –

– Isma' garanzija ma nistax nagħti. Fuq il-Bambin m'hemm ħadd.

– Insomma ... Imma, Professur, qiesu li ma ttuhiex l-Oppju żejjed.. –

– U le, mel' aħna boloh? –

– L-anqas nieqes –

– L-anqas nieqes –

– Preċiż ... –

– Eżatt; kemm ikun hemm bżonn. Tajjeb? –

– Tajjeb, u kollox mill-aqwa u mill-aħjar.

– Kollox mill-aqwa u mill-aħjar.

Intgħażlet il-ġurnata, inqala' t-tabib X, ittieħdet kamra fl-aqwa sptar b'żewġ sodod waħda għaċ-ċkejkna Clothilde u l-oħra għas-Sinjura Martha, it-tfal il-kbar tas-sinjura Martha marru għand in-nanna; Clothilde ingħatat l-oppju la nieqes u l-anqas żejjed, kollox bil-preċiż; il-Professur qata' barra l-laħam li hu kien jifhem li kien żejjed; kollox mar tajjeb u, wara ġimgħa, is-Sinjura Martha kienet lura d-dar qisu qatt ma kien xejn ...

L-għada għal xi l-għaxra ta' fil-għodu tal-posta ħabbat il-bieb. Kien hemm ittra għas-Sinjura Martha.

Fetħitha. Sabet il-kont tal-isptar flimkien ma' dak tal-Professur u tat-

tabib X. Kien ilaħħaq mal-ħamsin lira.

Is-Sinjura Martha lissnet minn taħt l-ilsien:

Dan serq. — Tefgħet fuqha libsa malajr malajr u marret tfittex lill-Professur biex tara l-affari kif inhi sew.

Il-Professur meta raha nifisha maqtugħ, qallha:

— Ma ġara xejn, hux? —

— Wasalli dan il-kont, ma jidhirlekx li hawn xi żball, hux?

Il-Professur ta lemħa lill-kont u ta' ftit kliem li kien qallha:

— Ma jidhirx li hawn xi żball.

Is-Sinjura Martha: — U ġieżu ġież, ħamsin lira ta' x'hiex? —

Il-Professur niżżel rasu u dawwar wiċċu 'l hemm u bejnu u bejn ruħu qal — Basta kollox mill-aqwa u mill-aħjar. —

# TWEĠIBIET BLA SUDISFAZZJON FIL-MALTI U FL-INGLIŻ

## STUDJU MQABBEL

Ta' P. Dwardu Fenech O.S.A.

Il-bniedem mhux dejjem ikun burdata tajba. Kultant jonfoħlu r-riħ isfel. U miskin hu min ikellmu dak in-nhar! Jifhem ħażin u jinterpreta kliem ħadd-ieħor wisq agħar. Għalhekk jekk tistaqsih xi ħaġa jara kif jagħmel biex jaqtagħlek kliemek u kif iwieġbek bla ma jagħtik it-tagħrif li tkun trid. Hekk jekk wieħed ikun għamel xi waħda minn tiegħu, xi ħadd igħidlu: "Dak għax għamilt hekk?" dlonk iwieġbu: "Għax niflaħ." Min ikun għamel il-mistoqsija ried ikun jaf ir-raġuni li qanqlitu biex għamel l-azzjoni ħażina. Imma t-tweġiba ħallietu bla sudisfazzjon. Haġa bħal din insibuha wkoll fl-Ingliż. Jekk wieħed jistaqsi: "What did you do that for?" ikun qed jipperikola li jkollu t-tweġiba żorra: "To make fools spier [=ask] and you're the first."

Kultant, madankollu, ma nkunux irridu nagħtu tweġiba mhux minħabba li nkunu bil-bijambò, imma għaliex dak il-ħin jidhrilna li min qed jistaqsina m'għandux għalfejn jkun jaf. Naħsbu li jkun qed jindaħal fejn ma

jesgħux jew li jrid ikun jaf ħwejjeġ li jekk nikxfuhom inkunu nistgħu nbatu l-konsegwenzi. Nagħmlu mod li wieħed jistaqsini x'jien nagħmel hawn, u ma rridx ngħidlu għalfejn ġejt, dritt inwieġbu: "Naqli l-ftajjar!" Jekk wieħed, fl-istess sitwazzjoni, jistaqsi bl-Ingliż: "What are you doing?" jista' jistenna t-tweġiba: "Frying eggs!" F'din l-okkażjoni aħna l-Maltin naqlu l-ftajjar, u l-Ingliżi jaqlu l-bajd! Imma fiż-żewġ espressjonijiet hemm l-idea tal-qali.

Jekk inkunu nitkellmu ma' xi ħadd u ngħidulu xi ħaġa li forsi ma ddoqqlux għal kollox jew għandha mnejn toffendih xi ftit u jkun iridna nerġgħu ngħidu l-istess kliem biex minn banda jkun ċert milli għidna u mill-oħra jkollu waqt jaħseb kif se jwieġeb, żgur li ma nagħtuhx dak il-pjaċir. Imma xi ħaġa jkollna nwieġbu. Għalhekk, malli igħidilna: "X'għidt? Erġa' għidha." malajr inwieġbuh: "L-arloġġ ma jdoqqx darbtejn!" Fl-istess ċirkostanzi, jekk wieħed jistaqsi bl-Ingliż: "Could you say that again?" aktarx li jweġbuh: "I don't boil my cabbages twice!"

Jekk xi ħadd jistaqsina: "X'ħin hu?" u ma nkunux irridu nwieġbu, ngħidu xott xott: "Il-ħin tal-bieraħ." jew "Is-siegħa fuq il-pinnur." Kultant inwieġbu hekk ukoll biex ma nħallux min iwaqqagħna għaċ-ċajt. Għax ġie li jistaqsuna "X'ħin hu?" meta jisimgħu xi ħmar jinhaq. Meta nwieġbu: "Il-ħin tal-bieraħ," jew "Is-siegħa fuq il-pinnur," nevitaw li jgħadduna biddgħajsa. Jekk, imbagħad, issaqsi bl-Ingliż: "What's the time?" u lil min tistaqsi ma jkunx irid igħidlek, iwieġbek ħafif: "The same as it was this time yesterday." Għalhekk it-tweġiba xotta tal-Malti taqbel ma' ta' l-Ingliż għalkemm din hi ftit itwal.

Jekk xi ħadd jistaqsina fejn noqogħdu, u ma nkunux irridu ngħidu, flok ma nwieġbu: "Mhux affarik," jew "Mhix biċċa tiegħek," jew "X'jimpurtak?" jew kliem ieħor li ftit jew wisq hu goff u jweġġa', ħafna drabi nwieġbu b'nofs ċajta: "Strada ċappas, numru ċallas." Hekk min ikun ma jiħux għalih. Fl-istess sitwazzjoni, jekk tistaqsi bl-Ingliż: "Where do you live?" għandek tistenna t-tweġiba: "In a house."

Imbagħad għandna l-biċċa tal-età! Kemm huma dawk li, għal xi raġuni jew oħra ma jridux juru xi żmien għandhom? Għalhekk, għall-mistoqsija: "Kemm-il sena għandek?" għandna tweġiba lesta: "Daqshekk u ftit." U tassew! Ma nkunux qegħdin ngħidu kelma b'oħra. L-Ingliżi jagħmlu bħalna wkoll. Jekk xi ħadd jistaqsi: "How old are you?" għandu jistenna t-tweġiba: "As old as my tongue and a little older than my teeth." Innota il-paralelliżmu li hemm bejn it-tweġiba Maltija u t-tweġiba Ingliża. Bil-Malti l-ewwel ngħidu: "Daqshekk," imbagħad inżidu "u ftit." U fl-Ingliż l-ewwel ngħidu: "As old as my tongue," imbagħad inżidu: "and a little older than my teeth."

Jekk inkunu qegħdin infittxu xi ħaġa, bla ma nkunu rridu ngħidu x'inhi, lil min jistaqsina "X'intom tfittxu?" inħalluh b'xiber imnieħer billi ngħidulu: "Ir-raġuni." L-Ingliżi jwieġbu mod ieħor meta xi ħadd jistaqsihom: "What are you looking for?" Jew igħidu: "Looking for my shadow," jew "Looking for last year's snow."

Meta l-ħbieb li jkunu ilhom ma jiltaqgħu jerġgħu jaraw lil xulxin hi normali li jistaqsu wieħed lil ieħor: "Fejnha rasek kemm ilni ma narak?" Imma flok ma wieħed iwieġeb u jgħid fejn għadda ż-żmien tiegħu mindu ma rax lill-ieħor, aktarx joħroġ bit-tweġiba: "Fuq spallejja" jew "Fuq għonqi." Din it-tweġiba tagħti każ tas-sens litterali u mhux tal-messaġġ ewlieni. Bl-Ingliż, jekk wieħed jistaqsi: "Where have you been?" aktarx ikollu t-tweġiba: "To see my Aunt Fanny's ghost wrapped up in brown paper."

Jekk tgħid lil xi ħadd: "X'inhu?" arah iwieġbek: "M'għandix arloġġ." Hekk, flok iwieġbek għall-mistoqsija: "X'inhu?" jagħtik tweġiba għall-mistoqsija: "X'ħin hu?" F'dan il-każ it-tweġiba hi mibnija fuq mistoqsija li tixbah lill-mistoqsija reali. Fl-Ingliż ninnutaw xebh bħal dan. Jekk wieħed tgħidlu: "What?" arah iwieġbek: "Watt made a steam-engine." Jekk ma tifhimx x'ikun qal u terġa' tgħidlu: "What?" iwieġbek: "Watt died long ago." Imbagħad, biex jurik li ma ħax pjaċir bil-mistoqsija kunfidenzjali jew bla etikett: "What?" iżid igħidlek: "Pardon took his place."

Mistoqsija mhix flokha jew mhix f'ħinha għandha tistenna tweġiba evażiva bħal dawn li tajna hawn.[1] Is-sabiħa hi li t-tweġiba, għalkemm ma tweġibx għall-mistoqsija reali, hi marbuta mal-psikoloġija nazzjonali u mal-kultura lokali. L-Ingliżi demmhom biered, imma jafu jolqtu l-musmar fuq rasu meta jridu. Tridx tgħidli x'jibqa' fik meta lil wieħed tistaqsih: "Where do you live?" u joħroglok bit-tweġiba: "In a house." Mur obsor! Aħna l-Maltin iżjed demmna sħun u forsi aktar immaġinattivi. Hekk lil min igħidilna: "Fejn toqgħod?" inweġbuh: "Strada ċappas, numru ċallas." U xorta nħalluh b'xiber imnieħer!

[1] Għal tweġibiet bla sudisfazzjon bl-Ingliż ara: 'The Lore and Language of Schoolchildren, Iona and Peter Opie, Oxford, Clarenden Press, 1959; 1960; pp. 42-45.

## MULEJ HNIENA!

*Ix-xita nieżla bi qliel*
*sajjetti jfaqqgħu waħda f'waħda*
*u ilsna nar jixegħlu*
*s-smewwiet ta' lewn ċombi*
*— ħuġġieġa nar —*
*ilma,*
*ilma kullimkien,*
*għadajjar mimlija 'lma maħmuġ*
*ix-xita qed tfaqqa' f'wiċċ l-umanità*
*x-xita qed tbiċċer il-bniedem.*

*Il-Bibbja — Alla qal,*
*— Le dulluvju ieħor ma nibgħat*
*fuq wiċċ din l-art —*
*Iżda — Mulej ħniena!*
*Int minn kliemek se tonqos!!!?*
*Iżda l-ilma għadu nieżel —*
*nieżel — nieżel*

*"Il-bniedem qed jeħżien*
*Il-bniedem li jien tajtu r-ruħ*
*irid ibiddilha minn waħda*
*ta' l-Ispirtu għall-waħda tad-demm*
*— Sodoma u Gomorra —*
*Babel u Ninive . . .*
*agħar minn hekk sar il-bniedem*
*jixbah lil xadina kif stqarr Darwin*
*li minnu l-bniedem ġej . . ."*

*L-ilma għadu nieżel,*
*sajjetti qed ifaqqgħu*
*— Mulej ħniena!!*
*Mulej ħniena!!*

27.ii.70

FRANCIS MIFSUD



ROYAL UNIVERSITY

## ATTENT ŻAGHŻUGH

*Bkejt*
*għax rajt*
*kemm hu qalil iż-żmien*
*li bla waqfien*
*ixejjaħ żmien iż-żgħożija*
*hekk kif qatra nida*
*tinżel fuq werqa u x-xemx fiss*
*terġa' teħodha.*

*Bħal qatra nida,*
*hu żmien iż-żgħożija*
*tant hu sabiħ*
*tant fih tlellix ta' lwien*
*li ż-żgħożija tintilef fih;*
*— fil-qabda ilwien*
*li x-xemx ħanina*
*titfa' fuq din il-qatra ilma.*

*Iżda malajr jintfew l-ilwien*
*u l-qatra tisfa' fix-xejn;*
*hekk kif fix-xejn*
*jintemm il-ħolm —*
*il-ħolm sabiħ*
*il-ħolm li le jintemm —*
*il-ħolm jispiċċa,*
*u jħalli warajh żagħżugħ*
*— żagħżugħ tradut,*
*żagħżugħ fl-irwiefen tal-ħajja.*

FRANCIS MIFSUD

## Lid-DIWI

*Smajtek warajja tibki,*
*warajja smajtek tnuh,*
*tneħid ta' din ir-ruħ*
*tennejt,*

*Diwi ħanin,*
*fl-irdumijiet ta' l-iġbla,*
*fil masġar... fil-widien...*

*Int biss, Diwi, bla għira,*
*int biss taf tagħder, tħenn*
*għar-ruħ fid-diq irsiera...*

*Għandek niġi, ja Diwi,*
*fl-irdumijiet waħxija,*
*fil-wied,*
*ħdejn art moħbija,*
*fid-dlam ta' ġo l-għerien,*
*għax leħnek, Diwi,*
*leħen ħanin...*

Ramle – Israel. 1964 P. ĠUŻEPP CREMONA O.F.M.

## FERH

Infur bil-ferħ, inħares lejn il-fjuri
Imwielda ġdida, u niedja, bellusija;
Inħobb is-skiet tar-raba' f'jiem safjija
U s-sħab f'inżul ix-xemx, mimli kuluri;

U mill-għadd kbir tal-kwiekeb nisqi 'l ħsiebi
Fid-dlam miksur ta' qamar lejli imdieheb
Meta l-ħolqien ma' ruħu jkun jitbiegħed
Niftakar fil-kliem sieket minn ta' ħbiebi;

Iżda biss f'kisret għajnejk insib il-hena,
U nara fihom sħiħ leħħa tal-ġenna
Tas-sewwa u ġmiel, f'kisra kruha benna
Ir-ruħ tidher bla sħab, safja u qalbiena:

U fihom nara sew il-ħolm ta' qalbi,
Ħolm ta' dinj'oħra, it-tama wkoll ta' talbi.

1.iii.1971 J. ZAMMIT TABONA

## IL-GHOLJA TAL-QDUSIJA

Jiddi bil-qawwa ta' ġmielu
wieħed fil-kotra, l-Ħolqien;
jidher fin-nisġa l-Ħsieb t'Alla
dejjem jiġġieled maż-żmien.

Jgħarrex il-Għaref u jifhem
ġrajja moħbija: fi ktieb
jonqox bla xejn ma jitqanqal
dak illi kixef bil-ħsieb.

Iżjed mill-Għaref li jaħseb
jogħla l-Poeta li jħobb,
għax, meta d-Dija tidħaklu,
jgħanni dik l-għanja l'hi tħobb.

Jirbaħ lill-wieħed u 'l-ieħor
min fil-qdusija jiċkien:
jilmaħ Sebħ Alla w imgħaġġeb
jiskot quddiem il-Ħolqien.

22/v/40 MONS. C. PSAILA

Mill-ktieb tal-awtografi tiegħi. Mary Rose Xuereb, neé Briffa.

*Nota ta' l-Editur*

Din il-poeżija tathieli għall-istampa s-Sinjura Mary Rose Xuereb neé Briffa mill-oriġinali ta' Dun Karm innifsu fil-ktieb tal-awtografi tagħha.

## F'INŻUL IX-XEMX

*Nieżla,*
*bil-mod ix-xemx...*
*għerqet,*
*fil-ħmura ta' fl-għaxija...*
*Kemm tul il-jum tamiet,*
*xewqat,*

*li fasslu ħuti*
*li bnejt jien,*
*il-lejla max-xemx għebu darb'għal dejjem!*
*Niżlet ix-xemx inkiss*
*u minn ħaddejha ġelben demm li ħammar*
*is-sema,*
*lewwen l-art*
*il-baħar...*
*u fetaħ f'qalbi ġerħa!*
*Ja xemx, narak mill-ġdid kmieni fil-għodu?!*

12.ix.70 GEORGE MERCIECA

## LIT-TORRI

Imkemmex sewwa wiċċek, mikul sidrek,
xuxtek imħabbla, ġbinek b'demm ħamrani,
id-demm ta' nies bla ħtija, Torri xwejjaħ!
Dnubiet mill-kbar taħt qoxra mtabbgħa tostor!
Hawn għadek fuq riġlejk biex titlob maħfra.
It-Twajjeb Thomas More,
għal żmien beka ġo fik, sofra bla ħtija
u naqqax isem kbir, isem dejjiemi!
Kemm dmugħ
kemm demm
kemm għatx
kemm ġuħ
kemm swat
Torri bla qalb,
inkitbu fil-ħitan tul is-snin tiegħek!
Tisħar għadek bil-lejl... tibki fil-ħemda...
Tolfoq issa ta' xejn, ja Torri kiefer!
Ibki l-ulied tal-lum, imħassra mgħarrqa,
ulied bla għan ta' l-Ingilterra fierħa;
bla dar
bla nkwiet

bla għatx ta' mħabba safja,
żgħażagħ jgħixu bħal bhejjem!
Fejn huma Torri, n-nies qalbiena twajba
ulied l-azzar, żerniq ta' rebħ u għaqda?
Int għadek fuq riġlejk... tibki l-imgħoddi.
Nitwaħħax minnek
Torri ta' Londra, hekk kif taqa' d-dalma
u kollox jgħib, sa tonqos f'qalbi t-tama
tal-għada, tal-ħelsien, ta' triq is-sedqa.
Nitħassar nies tassew li mietu darba
bejn ħaġrek għalxejn b'xejn, ġawhar tad-dinja!

11.xi.1970 — GEORGE MERCIECA

## IX-XITA

Ix-xita nieżla
bil-mod il-mod
aktar bis-sħiħ
bil-qliel...
Ix-xita nieżla
fuq djar
fuq siġar kbar
fuq xtieli żgħar
bil-lejl, bi nhar...
Fis-sema berqa
imbagħad
trambil ta' r'għad
tregħid ta' blat
baħħ fit-triqat!
Ix-xita nieżla
bil-mod il-mod
aktar bil-mod
bla ħoss...

21.ix.1966 — GEORGE MERCIECA

## L-IBISCUS DOPPJA

Warda daqsiex!
fdewwex aħmar indjan,
bil-qtar tad-deheb irqiq.
Il-blanzuni, jiem sħaħ jieħdu biex jinġemgħu,
sakemm tul lejl daqs ponn isiru
u mas-sbieħ jiftħu l-fdewwex satin fin
tal-aħmar indjan bid-deheb!

Biss wara jum jinxfu, jidbielu, jaqgħu...
Itik li tgħid:
Dax-xogħol kollu għal nofs ta' nhar ta' xemx?

Imma s-siġra qiesha ġġegħlek
il-ħarsa ddawwar
lejn il-miġemgħa ta' blanzuni ġodda
kull wieħed qed isajjar
l-aħmar indjan u d-deheb u l-fdewwex sbieħ:
'tul sena sħiħa jien inxidd
il-libsa tal-festa sbejħa!
Mhix isbaħ minni t-tfajla li tiżżejjen
b'labra daqsiex kultant...
Tiegħi kuljum u kollha
friski w sbieħ;
kollha l-istess
lil min jarani jgħaxxqu!'

1/viii/71

WALLACE PH. GULIA

# A. BUTTIGIEG U "QASBA MAR-RIH"

Minn MONICA BEZZINA

FIL-KTIEB tiegħu *Qasba mar-riħ*, Anton Buttigieg jidher bħala poeta liriku u mhux bħala poeta satiriku kif narawh f'kotba oħra tiegħu bħal *Ejjew Nidħku Ftit*, u *Ejjew Nidħku Ftit ieħor*. Dan il-ktieb *Qasba mar-Riħ*, Anton Buttigieg qassmu f'erba' taqsimiet u dawn tahom l-ismijiet "L-Għanja tan-Natura," 'Il-Għanja ta' Hajti," "Poeżiji Stil Krepuskolari" u "Poeżija oħra." Dawn it-taqsimiet ġabarhom flimkien u tahom l-isem *Qasba mar-riħ*, personifikazzjoni tal-poeta stess li bħal qasba li tixxejjer mar-riħ, huwa jixxejjer mal-mewġ tad-destin waqt li jibqa' dejjem sod fuq l-egħruq tiegħu għaliex dawn huma mibnija fuq prinċipji sodi.

Għalkemm il-poeta jiġbor l-esperjenza u l-emozzjonijiet tiegħu bit-tajjeb u l-ikrah, bil-ferħ u n-niket ma' tul il-ktieb kollu, l-aktar esperjenzi u emozzjonijiet liriċi tiegħu nsibuhom fit-tieni taqsima tal-ktieb. Fl-ewwel parti ta' din it-taqsima "Niket u Eleġiji," Anton Buttigieg jagħtina l-esperjenza tiegħu bħala bniedem miżżewweġ. Għall-kittieb, iż-żwieġ kien esperjenza ta' niket. Fil-poeżija sabiħa tiegħu *Niftakar* il-poeta jgħidilna l-ferħ li ħass fiż-żmien ta' qabel iż-żwieġ tiegħu, fiż-żwieġ, u fiż-żmien qasir ta' wara. Bil-kliem l-aktar sempliċi huwa jiddeskrivi t-tieġ:

"Imbagħad ix-xampanja
li tfawwar bil-qawwa,
bir-ragħwa,
u l-cake qisu torri bajdan
u l-fox-trot u t-tango u l-waltzer,
u s-sakra u ż-żifna
tal-qraba u l-ħbieb."

Fit-tieni parti ta' din il-poeżija, Anton Buttigieg ikellimna dwar iż-żmien tal-mewt ta' martu. Huwa jiddeskrivi kif il-mewt qerditlu l-aktar persuna li kienet għażiża għalih, il-persuna li magħha kien iqassam ħajtu, bis-sentimenti, ħsibijiet, niket u ferħ, li għadda minnhom, u nstab waħdu mingħajr ħadd biex ifarrġu.

"jien u l-Baħħ
il-Baħħ u jien;
jien nibki,
il-Baħħ jibki
ħdejn sodda ta' tnejn
mifruxa ta' xejn."

Għal sentejn sħaħ wara ż-żwieġ, il-poeta baqa' mnikket u kiteb poeżiji dwar in-niket tiegħu u l-esperjenza kiefra li għadda minnha. Sentimenti oħra varji fawru ġewwa qalbu fl-istess żmien, u dawn huma miġburin fit-tieni parti ta' "L-Għanja ta' Hajti". F'din il-parti tal-ktieb, huwa jiddedika bosta poeżiji lit-tliet uliedu li tilfu 'l ommhom meta kienu għadhom żgħar. Fil-poeżiji tiegħu bħal *Marolo Tiegħi*, *Lil uliedi*, u *Rose Marie*, aħna naraw lil Anton Buttigieg bħala missier. Huwa jurina mħabbtu lejn uliedu li tant sab faraġ fihom wara l-mewt ta' ommhom. Huma kienu l-uniku ferħ u skop tal-ħajja li baqagħlu u kienu dawn it-tlitt itfal li rahom jikbru quddiem għajnejh dawk li ġagħluh jibqa' jara n-naħa s-sabiħa tal-ħajja u ma jiddisprax.

Wara sentejn il-poeta reġa' żżewweġ. Il-ferħ tiegħu narawh fil-poeżiji. Huwa jiddedika poeżija lit-tieni mara tiegħu jisimha *Lil Connie*. Fit-tielet parti tat-tieni taqsima "Tama u Poeżija Amurusa," aħna naraw kif il-poeta jittama li se jerġa' jsib il-ferħ tal-ħajja bħala miżżewweġ. Huwa jurina l-ferħ li ħass meta ltaqa' mat-tieni mara tiegħu u jagħtina xbieha tagħha fil-poeżija tiegħu *L-Għarus Lill-Għarusa*.

"Imma ebda roża fewwieħ
bħar-roża ta' ħaddejk,
l-ebda iżraq sabiħ
bħall-iżraq ta' għajnejk!"

Iżda l-ferħ taż-żwieġ ma kellux ħajja twila għal Anton Buttigieg. Il-mewt reġgħet serqitlu lill-għażiża tiegħu u ħallietu waħdu mal-baħħ. Wara żmien, huwa ma setax jikteb poeżiji aktar. Fil-poeżija tiegħu *Bla Demgħa ta' Biki* huwa jfisser in-niket li kien jinsab ġo qalbu.

"Meta għal għarrieda, il-mewt ħatfet lilek
f' ġurnata
u jien bqajt waħdi ġo art il-barrani
'il-bgħid mill-Għajnuna,
jiena ma bkejtx
u tlaqt minn fuq qabrek
bla demgħa f'għajnejja,
bla lfiq fuq xofftejja,
mingħajr eleġija,
qisni bla demm...'

Anton Buttigieg iqis il-familja bħala ħaġa sagra u qaddisa, u għalhekk għalih il-mewt li tifirdu minnha hija kiefra u iebsa. Fil-poeżija tiegħu, huwa jqabbel il-familja ma' bejta tal-għasafar u l-firda ta' martu minnu u

minn uliedu jisthajlu xi ħadd (il-mewt) li ġie seraqha u għalaqha f'gaġġa. Huwa jħobb iqabbel il-mewt ma' bojja li qatlitlu l-prinċipessa tiegħu.

"U qiegħdet rasha fuq iz-zokk, u l-bojja,
għolla l-mannara 'l fuq
u qata' ras il-prinċipessa sbejħa
ta' għonqha mill-egħruq."

Għalkemm Anton Buttigieg daq darbtejn l-imrar li ġġib magħha l-mewt, huwa ma jiddisprax. Fil-poeżija tiegħu huwa lanqas biss jitkellem fuq sentimenti ta' mibegħda u disperazzjoni, anzi huwa jieħu l-mewt tażżewġ nisa tiegħu bħala mibgħuta minn Alla, u fin-niket tiegħu jittama li għad tiġi ġurnata li fiha jkun jista' jerġa' jara lil martu u li jibni bejta 'l fuq mis-sħab fejn tibqa' għal dejjem.

"Ah! le ma xejnitekx il-mewt imqita
Imma biss bejnietna tellgħet ħajt fix-xagħri
tal-mixja tagħna; t-tnejn flimkien ġo bejta
f'dejr il-Hallieq għad nitħabbew bħal dari."

Fit-tielet taqsima "Poeżija Stil Krepuskolari," aħna nsibu poeżiji li juru sentiment ta' niket u swied il-qalb li ħass il-poeta fil-mument li kitibhom. Hawnhekk aħna naraw lil Anton Buttigieg bl-istess qawwa, stil u sentiment ta' poeta li nsibu fit-taqsimiet l-oħra kollha.

F'dan il-ktieb *Qasba mar-Riħ*, aħna nsibu li Anton Buttigieg kellu wkoll bosta esperjenza tas-safar. L-imħabba tiegħu lejn is-safar turina li huwa bniedem ta' kultura. Huwa kiteb bosta poeżiji dwar bliet u postijiet fid-dinja u fost dawn insibu *Taħt il-Vessuvju*, *Cologne*, *F'pjazza San Mark* u *Berwang*. F'dawn il-poeżiji aħna nindunaw li l-poeta qiegħed jitkellem mill-esperjenza tiegħu stess għaliex jagħti bosta dettalji li wieħed ikun jafhom biss jekk ikun mar f'dak il-pajjiż huwa stess. Hekk fil-poeżija *Berwang*.

"aħdar il-ġlekk tal-bdiewa tiegħu,
ħadra s-sidrija tal-bellus,
u ħodor il-kappell u r-rixa fuqu,
u ħadra l-ħabba kbira ta' għajnejhom."

Wieħed ma jistax ma jagħtix każ ta' l-imħabba ta' Anton Buttigieg lejn in-natura. Din insibuha ma' tul il-ktieb kollu iżda l-aktar fl-ewwel taqsima "L-Għanja tan-natura." Hawnhekk aħna naraw lill-poeta bħala romantiku. Huwa jgħanni n-natura fil-ferħ tagħha u jħoss li fiha biss, għaliex hija ommu, il-bniedem jista' jsib il-ferħ u l-hena. Naraw ukoll li huwa għan-

du esperjenza kbira tan-natura. Huwa jafha bis-siġar, il-frott u l-fjuri u għalhekk jurina li huwa qatta' bosta snin minn ħajtu madwar il-ħlejjaq ta' Alla, 'il bogħod mill-ħajja artifiċjali tal-ibliet.

F'dan il-ktieb naraw kemm jinkedd il-poeta għaliex jaf li l-ħwejjeġ sbieħ tad-dinja l-bniedem igawdihom biss għal ftit żmien. Fil-poeżiji ta' l-aħħar il-poeta jurina li fl-eternità, il-ġmiel, is-sbuħija u l-imħabba jibqgħu għal dejjem.

"U nixtieq kieku bejta
mibnija f'art is-sliem,
'il barra minn dil-kewkba,
bejta li tkun bla tmiem." (Il-Bejta ta' Dejjem)

Għalkemm *Qasba mar-Riħ* huwa ktieb ta' poeżiji ta' bosta xejriet, fih kollu nsibu l-istess persuna bl-istess xewqat u mħabba. F'kull taqsima nsibu l-istess qawwa, stil u sentiment u naraw kif il-poeta jiġbor l-esperjenza u l-emozzjonijiet liriċi tiegħu, bit-tajjeb, bil-ħażin, bil-ferħ u d-dwejjaq u minn dawn l-esperjenzi u l-emozzjonijiet hu jagħti lill-poeżija Maltija versi ta' l-aktar poeżija għolja.

# IL-"KELMA" FIL-ĦSIEB TA' SANTU WISTIN

Minn P. DWARDU FENECH O.S.A.

IL-BNIEDEM għandu fih innifsu s-setgħa li juri minn barra dak li jkun qiegħed jaħseb jew iħoss minn ġewwa. Meta hu jagħmel użu minn din is-setgħa, aħna ngħidu li jkun qiegħed jinqeda bil-lingwa. Wieħed jista' jinqeda, ngħidu aħna, bil-lingwa tal-ġesti, jagħmel sinjali b'idejh biex juri x'irid. Imma fil-ħajja normali tagħna aħna ninqdew bil-lingwa tal-kliem, jiġifieri nsemmgħu ċerti ħsejjes biex infiehmu lis-semmiegħa tagħna.

Kull ġemgħa ta' ħsejjes li jkun fiha tifsira sħiħa u li tkun tista' toqgħod weħidha weħidha ngħidulha: kelma.

Santu Wistin, bħala studjuż lingwistiku u bħala filosofu, għarbel fl-istudji tiegħu n-natura ġewwenija tal-kelma, u wasal biex għaraf li hemm żewġ għamliet ta' kliem. Hemm il-kelma maħsuba, dik li tiġina f'moħħna qabel ma nitkellmu. U hemm il-kelma mitkellma, dik li nsemmgħu meta nlissnu l-kelma li nkunu ħsibna f'moħħna.

Biex isaħħaħ l-idea li fil-moħħ teżisti l-kelma maħsuba, Santu Wistin silet biċċa mis-Salm 4, fejn fost ħwejjeġ oħra nsibu l-kmand: "Tkellem f'qalbek...." M'għandniex xi ngħidu, meta nitkellmu minn ġewwa nitkellmu b'moħħna u mhux b'qalbna. U jekk nitkellmu minn ġewwa, dan nagħmluh għax għandna s-setgħa ninqdew bil-kelma maħsuba. Hekk jiġri, igħidilna Santu Wistin, meta nitolbu,[1] bla ma nħarrku xofftejna.

Kull darba li nitkellmu, ngħidu aħna biex ngħallmu jew biex nitgħallmu, aħna nkunu qed ninqdew bil-kelma mitkellma. U biex nagħmlu dan ikollna nħaddmu l-organi tat-tlissin, u nkunu qed nagħmlu għamil fiżiku. Il-ħsejjes li nagħmlu, jew aħjar il-mewġiet ta' ħsejjes li nsawru meta nitkellmu joħorġu minn fommna u jolqtu t-tanbur tal-widna tas-semmiegħ jew semmiegħa tagħna.

Meta aħna ngħidu kelma minn barra nkunu qed nagħtuha espressjoni (ħoss) u tifsira. Dan igħidu ċar Santu Wistin fl-ewwel kap ta' *De Magistro*. U llum qed itennuh l-istudjużi lingwistiċi. Hekk, igħid Santu Wistin, meta l-qassisin jitolbu bil-kliem b'mod li ħaddieħor ikun jista' jismagħhom, huma jkunu jagħtu lill-ħsieb tagħhom espressjoni u tifsira: "... meta nkunu nitolbu, m'għandniex għalfejn nitkellmu, jiġifieri ma neħtiġux kliem li jitleħħen, sakemm ma nagħmlux bħall-qassisin li jagħtu espressjoni u tifsira lill-ħsieb tagħhom, mhux għax Alla għandu bżonn jisma', imma biex jisimgħu l-bnedmin..."[2]

Qabel ma aħna nitkellmu, skond Santu Wistin, aħna nkunu għamilna użu minn żewġ fakultajiet: il-ħsieb u l-memorja. Hekk jiġri li bil-qawwa tal-ħsieb aħna naħsbu u nsawru f'moħħna l-qofol ta' dak li nkunu se ngħidu. Dan ikun l-ewwel pass li nagħmlu f'moħħna. It-tieni pass hu li bis-saħħa tal-memorja nagħżlu mill-maħżna kbira ta' kliem li għandna dak li għandu l-qawwa juri x'ikun hemm fil-ħsieb. Hekk inkunu qegħdin nagħmlu meta nitkellmu minn ġewwa biss, ngħidu aħna waqt li nkunu nitolbu bla ma nħarrku xoftejna. Jekk, imbagħad, nitkellmu minn barra nkunu għamilna għamil estern u fiżiku. U meta nagħmlu hekk inkunu ninqdew bil-kelma mitkellma.

Il-kelma, għal Santu Wistin, hi sinjal. U billi hi sinjal, fiha tifsira. Imma t-tifsira tista' tqegħidilna quddiem għajnejna ħaġa li teżisti jew ħaġa li ma teżistix materjalment. Hekk, igħid l-istess studjuż, il-kelma "jekk" ma tfissirx oġġett li jeżisti minn barra.[3] Tfisser biss dubju. Dan, minnaħa tiegħu, jinsab biss fil-moħħ.

Il-kelma "xejn" tfisser ħaġa li ma teżistix u mhux ħaġa li teżisti. Hi turi nuqqas u mhux eżistenza. Madankollu meta nlissnu l-kelma "xejn" inkunu qed nagħmlu ħoss li fih tifsira, u għalhekk hu sinjal xorta waħda.

Biex nieħdu eżempju ieħor mill-ħafna li jsemmi Santu Wistin, nistgħu ngħidu li l-kelma "ħajt" turi oġġett li jaqa' taħt is-sensi tagħna tal-ħars u tal-mess. U jekk xi ħadd ma jifhimniex meta ngħidu dil-kelma nistgħu nfehmuh malajr billi nuruh ħajt. Ma kienx ikun daqshekk ħafif li kieku riddna nuru ħaġa astratta.

Meta nuru ħajt b'idejna nkunu qed nagħmlu sinjal. Min-naħa l-oħra, meta nlissnu l-kelma "ħajt" inkunu qed nagħmlu sinjal ukoll. Id-differenza bejn dawn iż-żewġ sinjali hi li biex għamilna l-ewwel sinjal inqdejna b'idejna u biex għamilna t-tieni sinjal inqdejna b'fommna. Min-naħa l-oħra, min laqa' l-messaġġ tagħna fl-ewwel każ inqeda b'għajnejh biex ra s-sinjal b'idejna, u fit-tieni każ inqeda b'widnejh biex sema' s-sensiela ta' ħsejjes tal-leħen. Imma fiż-żewġ każijiet hemm tifsira waħda.

Mela l-kelma, kemm jekk tkun maħsuba biss u kemm jekk tkun mitkellma wkoll, hi sinjal mogħni b'tifsira.

[1]Ara: De Magistro, Cap. 1.
[2]Ara: De Magistro, Cap. 1 lejn it-tarf.
[3]Ibid.

## ŻIEDA TA' KLIEM U TIFSIR

Ta' V. MIFSUD BONNICI

(*miġjub minn* Ġ. CASSAR PULLICINO)

(Jaqbad ma' *Leħen il-Malti*, Għadd 15, 1971)

### V

VAGANT – Mit-taljan "vacante", fieragħ. *Kustilja tal-vagant,* dewlgħa tal-fieragħ. *Il-Lvant jimla l-vagant,* jiġifieri ir-Riħ il-Lvant jimla bis-sħab il-fieragħ ta' l-ajru.

VENT, VENTIJIET – Ħbula mill-akbar ħoxnin u wetqin biex irieġu biħom fejn trid argnu biex tqandel xi ħaġa, bħal qanpiena għal fuq kampnar. Biex waqqgħu l-ħnejjiet tal-knisja l-qadima tal-Mosta ġibduhom bil-ventijiet.

VILJA, IVILJA – Għemil nieqes, aktarx li jgħin għemil ieħor. Jibbasta, għandu mnejn, iwassal biex jista'. *Qalb dak it-twegħir ma tviliex timxi.*

### X

XAGRIN – Dawk is-singi singi sfieq max-xifer dawra tond tal-bċejjeċ tal-flus. Bl-Ingliż "Milling". *Il-lima għandha x-xagrin mal-ġnub*; Il-flus ħżiena *jingħarfu mix-xaqrin.*

XAHBA – Duda li tgerrem il-għeruq. Igħidulha wkoll *id-debba tas-sultan,* tkun ħadra ħaxix ... tidher għal Frar.

XAL, IXUL – Ġera, jiġri 'l hawn u 'l hinn bħal min m'għandux x'jagħmel.

XAQFA – Važ.

XAQQ – *Bard li jxoqq il-għadam,* bard minn dak ir-rqiq nett li jidħol fil-għadam.

XAQQA – Versa.

XAQQAQ, IXAQQAQ – Bħal ġera, jiġri, qisu jxoqq l-arja. *Bdejt inxaqqaq 'il fuq; xaqqaq 'il quddiem għax ġej ir-rassàs wrajja.*

XATBA – Xatba tat-tixtib tar-raba', xatba tal-mogħdija, xatba tal-karrettun, i.e. il-biċċa fejn hemm is-salib. *Ixħetba xatba x-xkora.*

XATRAMBATRA – Ċumnija tas-sodda.

XAGHTAR – Imselħa tax-xagħtar, "besom".

XBEJJU – Tkun ġol-madmad fejn twaħħal il-ħalliel.

XEBB – Haxixa tar-rmied; ħaġra tal-baħar. *Ġild il-muntun jinħasel b'ma nafx kemm tax-xebb il-ġbiel biex jibjad.*

XEDD – Żarbun. Ser nilbes ix-xedd.

XEFAQ – xifer il-baħar ma' xifer is-sema.

XEHWA – Xewqa aktarx ħażina. *Ir-ruħ imqaddsa t'Alla tgħina nagħilbu xehwiet li jeħduna għall-ħażin.*

XEHDA – Musmar tax-xrufija, għeliem ta' xjuħija qabel il-waqt. *Is-sena ma għamlux l-għelejjel għax rabbew ix-xehda,* i.e. xrafu, batew bil-għatx, ma kellhomx xita fil-ħin u xjieħu qabel il-waqt.

XEHTA – *Habel tax-xeħta,* dak li jixħtuh minn wara l-karettun għal quddiem biex jorbtu t-tagħbija bih.

XEKKIEKA – Pakketta ta' l-ixkubetta jew imsella tas-saqqijiet kbira.

XEJN – *Mhux ta' b'xejn* i.e. hemm xi ħaġa fin-nofs, ma kenitx biċċa taċ-ċajt.

XEJXIJA – Aktarx kelma Torka. Terħa jkebbuha n-nisa ma' rashom.

XEMX – *Ix-xemx ixxarrbet,* jiġifieri għamlet ix-xita u x-xemx baqgħet tiddi.

XENXEL – Ġera 'l hawn 'l hinn bħall-għeruq. *Meta jimirdu l-għeruq tas-snien jibda jxenxillek l-uġigħ tagħhom.*

XEGHEB – Tala' d-demm għal wiċċu, *demmu xegħbu;* storda, *ma' l-ewwel daqqa xegħebba* i.e. stordieha.

XEGHTA – Meta jaħbat ma jagħmilx ilma fi żmien ix-xita jgħidu jagħmel xegħta jew xeħta. Meta żżomm ix-xegħta tajjeb jaħartu għax inkella jitrabba d-dud li jiekol l-uċuh, li għalhekk jissejjaħ *dud tax-xegħta.* Ix-xeħta jew xegħta ta' Jannar tajba biex jinħadem ir-raba' tal-qoton, biex ixeħħ.

XFERT – Tinstama' fil-għajdut, *Riħ xfert: lil hemm jieħdok, lil hawn ma jġibekx.*

XIBKA – Qies. *Żewġt ixbiek tiben.* It-tiben minn ġol-qiegħa għal ġoxxbieki, u jqegħduh f'dawn għax kbaru hekk iferrgħuh malajr.

XIDJA – Ħabel imdawwar qagħqa jew sensla li fiha jidħlu l-bsaten u l-katrun meta r-rfigħ ikun armat karwana.

XIKK – Aktarx ġejja mill-Franċiż *chic*; ħabta, ħila ta' l-idejn fis-snajja'. *M'ħawnx kifu! Xogħol xikk!* "capolavoro", "masterpiece".

XIKLI – Li jimxi riġlejh jew xiklejh ma' xulxin, li jħabbat irkobbtejh meta jimxi.

XILINGATA – Xengila, timjila. Huwa u jdur iż-żiemel il-karrozzin ħa xilingata.

XIRKA – *Xirket il-bnedmin*, "consorzio umano".

XKETT – Safi, m'hu mħallat b'xejn e.g. *laħam xkett. Xkett tal-kavalli:* għażel b'ħajt wieħed, *Itqija xketta,* "sostanza semplice, non composta".

XKATLU – Qxur tal-gattarell.

XMIENAQ – Xi biċċa mill-ġisem. *Inħossni xebgħan sa xmienqi.*

XMAL – Xelluq. *Xmajjel*, xellugi.

XOROB – Bala; e.g. *Is-seba' sbuliet nexfin xorbu lill-mimlija.* Għajjen, e.g. *Ġieżu Marija xorbuha!* Ħa, nixxef, e.g. *Ix-xemx xorbitli rasi.*

XORRAFA – Nitfa ħajt imwaqqgħa jew selħa żgħira tal-ħitan.

XURI – Nwar, fjuri, dik il-qxejra jew skorċa bajda li jrabbi fil-wiċċ l-inbid Malti, tkun bidu ta' moffa u ssir tinwir.

XTIPPA – Ħotba ċkejkna tal-blat qalb l-imniedaq; blata żgħira qalb ix-xagħri. *Għaddieli l-fenek u staħbieli wara xtippa. Xtipp*, bċejjeċ tal-blat tax-xagħri.

XULLIEFA – (Megħmil) Ftit, daqsxejn. *Tusigħ xi xulliefa t-triq.*

XULLIEL – Xi dulliegħa. Il-ġebel li jtellgħu l-ħajt tas-sejjiegħ bih. *Xulliela*, kantun immankat. *Xulliela* iċken minn *tirxa*, imma maħduma.

XGĦIR – *Xgħir ta' l-imdaqq*, jiġifieri tax-xgħir midquq; mhux tad-drisiżda tar-rbàt.

XUXXATUR – Xewwiexi, wieħed li jqabbad it-tlewwim, il-ġlied.

XWEJJEF – Xorta ta' għaġin, "sturtini".

Z

ZINTLU – Donnha ġejja mit-taljan "centro", nofs. Fejn tqiegħed il-ponta ta' kumpass biex bil-ponta tal-biċċa l-oħra tħożż dawra tond; *hemm-hekk jaħbat iz-zintlu.*

Ż

ŻABRIJA – Ħwejta kaħlanija li meta tikber issir kaħlija.

ŻAFŻAFA – Biċċa għodda tad-daqq maltija mill-eqdem, magħmula minn tabal li fil-kisja l-waħda mġebbda tiegħu tal-ġild ikollu toqba li fiha d-daqqâq dlonk iżeffed b'għuda mnejn joħroġ ħoss imżafżaf li jaqbel qatigħ ma' leħen ir-rabraba (*sic*).

ŻAJBADA – Xorta waħda. "Mhux żajbada?"

ŻAQQ IN-NAGĦĠA – Xorta ta' għeneb iqarmeċ.

ŻARRA', IŻARRA' – Xeħet, jixħet iż-żerriegħa. "Ħaxixa li tinbet uħidha, uħidha żżarra'". "Il-ħaxixa Ingliża tbid u l-ġarġira żżarra'".

ŻARRAD – Żarad sikwit fil-wisa' bħala xebħien. Taqta' addoċċ fuq l-isem tan-nies. Erħilha żżarrad!"

ŻAGĦRUN – Dud żgħir ħafna u aħmar li jitrabba' f'qiegħ l-ilma.

ŻAGĦFRAN – Iż-żagħfran italla' l-warda lejn il-Buskett f'Marzu.

ŻBANDUT – Brikkun li jtik ħjiel ta' xi ħadd imkeċċi jew maħrub, l-iktar jekk ġejja mill-kelma Taljana "sbandito", wieħed li bagħtuh barra jew tarrfuh.

ŻBORRA – Inzertatura, kif tiġik teħodha, milgħuba mhux kif tridha; kif iġġibha, bin jew bint ix-xorti; kif tiġi. "Il-morra żborra". Bl-Ingliż "hit or miss".

ŻENGIR, IŻENGER – Idoqq aktarx ħażin u bla grazzja xi strument tal-kordi, bħal kuntrabaxx jew vjolin. "Strimpellare". *Iħanxar* – "to strum".

ŻERŻER – tgħajjat bħal werżieq ta' bi nhar.

ŻERŻUR – Biċċa tar-raddiena; biċċa ħadida rqiqa twila misluta bħal

dussies li jkun fija l-*qabar*.

ŻGONĊ – Skontru.

ŻIKMA – Tiżdima.

ŻIEMEL – *Iż-żiemel l-abjad*, il-wied għaddej. Meta dari jniedu l-qbejjel tal-Marsa, min iniedi kien igħajjat: "L-aħwa, af li jiġi ż-żiemel abjad!"

ŻIMARRA – Libsa tiltibes fuq kollox mill-fratelli fil-liti, kunfratija.

ŻIREK – ta s-salt, żeġġ. "Żirket għal-lampa u waqgħet". (mill-Birgu.)

ŻMALDA, JIŻMALDA – Għamel, jagħmel il-qbid. "To destrain".

ŻMARRA, JIŻMARRA – Ta, in-naġġar, il-għamla li għandha tieħu l-ġebla; lestieha għall-inġir; naġar fuq fuq; ta l-ewwel tilqix lill-ħaġra.

ŻMATTAT – Mit-taljan "smontato". Mitluq, żdingat. *Lok żmattât*, dar żmattata.

ŻMERĊ – *Jara żmerċ*, "vede storto", "he squints or looks obliquely"; *laqat żmerċ*, "scorse scarso".

ŻMEJMOĊĊ – Bħal ħaġa żgħira u ħajna. Igħiduha għal xi rwajġel imżarġan u qajla jiswa, bi tmaqdir: *biċċa ta' żmejmoċċ*, "Il botolo".

ŻINĊ – Biċċa tal-milja, il-ħadida ta' taħt l-istwiel li dan idur fuqha. Ing. "swivel".

ŻOQMA – Riħ f'imnifsejk u jċarċru l-ilma.

ŻONGAR – Baqa' aħdar irqiq jew ma wasalx; għad mhux misjur. Igħiduha għall-frott (larinġ, patata, eċċ.).

## GH

GHABBA, IGHABBI – Żid, iżid il-piżuni jew bċejjeċ ta' ġebel fuq il-ġebla tal-mitħna li tkun ittieklet biex traqqagħha.

GHABD – Qaddej. "Għabd Alla", "qaddej t'Alla". Għadd biż-żejd, *għbiedi*.

GHABUR – Tieni għad mhux tajjeb għat-tgħammir.

GHABURA – Nagħġa żagħżugħa li qatt ma għammret; wara li tiled igħi-

dulha *għabura ta' l-ewwel sena.*

GHADAB – *It-tifel għadab bl-ikreb,* "the child wrought himself into a great passion". "To sulk, to be sulky or sullen".

GHADRI – Safi fil-fruġ tiegħu jew tagħha, tal-ġuf, bla mżanżan, verġni, safi.

GHAFJA – Għelm, sinjal. "Inmis bil-għafja!", "Il-ħorħara hi l-aħħar għafja tal-mewt". Bħal ħlewwa ta' qalb minn xi ġuħ, għatx; fjakkezza; debbulizza. "X'għafja għandi!"

GHAJBUR – Sħab ħafif, baxx (quddiem ix-xemx). Irxiex irqiq ma jbellx iżda kemm idabbar it-trab u jħallih hemm. Bħal ċpar f'għajnejk.

GHAJBOR – (Bl-aċċent fuq l-ewwel sillaba). Qisu mustaxija, bħal ċpar. "*Ra, jara għajbor,* ma jarax irqiq. "Ma narax għajr għajbor".

GHAJN – Turija; "esempio". *Rajt għajn ħażina. Għal għajn id-dawl; għal għajn ir-riħ,* jiġifieri wiċċek lejn mnejn hi ġejja l-qawwa tad-dawl, jew, minsub jew wiċċek għar-riħ. *Ras il-għajn,* mnejn tibda l-għajn, in-nixxiegħa: "Biex tixrob safi mur f'ras il-għajn". Il-għajn tkun bl-ilma ġieri, u aktarx fejn ikun hemm sienja, jew tarmi l-ilma biż-żennuna għal fuq xi ħawt kbir mnejn jisqu l-bhejjem. Mnejn toħroġ ir-rimja: "Fit-tliet xhur tax-xitwa l-qlub tas-siġar jidħlu f'egħjun ommhom". Qabda ċkejkna: "L-ebda għajn silla!" "Ġiblu għajn silla ż-żiemel".

GHAKKIES – Ħatar; "Timxi fuq l-għakkies". Xkubetta jew azzarin; "Kellu l-għakkies imdendel fir-rokna mal-ħajt", "Biċ-ċurniena wil-għakkies". Għodda tad-daqq tat-tajjar; dik il-għoqda tal-qasab li jirtabtu u għalhekk ikunu telgħin u neżlin mal-*ħabel* li jkun marbut f'tarfhom. Il-għakkies jaqdi ta' molla. Il-għakkies jagħmel is-saħħa w il-ħeffa meħtieġa biex, kif jgħidu d-*daqqaqa,* jixħtu lura fejn l-ebda driegħ ta' raġel ma jwassal.

GHAKREK, IGHAKREK – Dam, idum għax bata, ibati biex imexxi u jwassal xi ħaġa. "Ma tagħkrikniex ftit biex irfajnieh u tallajnieh it-taraġ!'. Stenna, jistenna, imma aktarx b'diqa, bi tbatija: "Qgħadt nagħkrek".

GHALI – Imwaħħar. "Ir-Randan ġie għali dis-sena".

GHALJAN – Mgħolli.

GHALGHARRIEDA – Li jsir jew jiġi fuqek bla tkun tistennieh jew taħ-

seb fih; bla ħsieb ta' xejn; ħabta u sabta.

GHALLAT, IGHALLAT – Qarraq, iqarraq b'dak li jkun f'xi ħaġa. "Għallatni muš".

GHALQA – "Għalqa tal-qamar", Eng. "the halo round the moon".

GHALWA – Biċċa ħabel (li tiswa għal qafla?); lasta tal-karettun (li tkun qofol tiegħu?). Kull fejn torbot xi ħaġa. Habel mibrum, jiswa biex torbtu f'qarn ta' barri.

GHAMAR – Tisħiħ, saħħiħ, dak li jibqa' żgur, ikun ġewwa, bħalkieku l-ġabra tal-qamħ li ġa magħmula għamàr (għamra għamra). "Il-flieles tal-bajd imqiegħed f'Jannar ibidu fl-għamar" i.e. iż-żmien li fih isir dan (Mejju).

GHAMÀR (jew GHMÀR) – Il-wiċċ tar-raba' magħmul, il-kumplament tal-annata, is-sena tal-biedja mgħaqqda.

GHAMEL – *Jagħmel minn*, żamm, iżomm taħt għajnejh u ħakem, jaħkem bil-jedd. "L-ewwel nies li kienu jagħmlu minn Malta kienu l-Fenikin". *Għamel idu*, għamel ismu.

GHAMM – *Għammi*, iz-ziju tiegħi (tan-naħa ta' missieri). *Għammti*, iz-zija tiegħi. *Wild għammi*, "mio primo cugino".

GHAMRA – Qatta tiben jew żara' mhix marbuta. Qabda, "għamra tiben," "se jeħodlok għamra". Meta s-silla tkun fl-art, maħsuda, għadha mhix marbuta, jgħidu "s-silla għadha għamàr" (ktir ta' għamra).

GHAMÙD – kolonna.

GHANDU ŻŻEJJED – Jidhirlu wisq. "È presuntuoso"; "he is presumptuous, he thinks much of himself".

GHANQUD – *Minn għanqudu*, minn nislu. "Għawdxija minn għanqudha".

GHANSAL (aħjar minn GHANSAR) – "Għansal u kubrit duwa tal-ġarab". "Il-għansal italla' l-bont". "Il-għansal jagħmel f'senntu" (*sic*).

GHAQAD – (Għall-bajd tal-flieles) Żamm, ħa bidu. "Tlitt ijiem idum ma jagħqad il-bajd tal-flieles, u tagħirfu jekk ikunx flieles jew udigħ għax jibda jagħmel il-ħjut.

GHAQQUX – Kuntrarju; tbixkil; x'jisormok. "Iltqajna mal-għaqqux". Xi tgħid biex turi li m'intix magħġub; "objection". "Dejjem issib il-għaqqux biex ma tidħolx man-nies".

GHARAJJES – Bċejjeċ tar-*raddiena*. Żewġ għudiet weqfin li jkunu mwaħħlin fuq il-*ħanżira*; ġo kull waħda minnhom tidħol *widna*.

GHARIX – *L-Għarajjex ta' Santa Marija*, "said of the state of the weather when the sun is beautifully hidden by light clouds at the setting-in of autumn". "Wara l-għarixa ngħidu ġejja xemx qawwija".

GHARMA – *L-għarma tal-qiegħa* (tat-tgħam).

GHARR – Ħażin minn moħħu, qalbu jew għewiedu.

GHARRAS, IGHARRAS – Qala', jaqla' mill-ħammiela x-xtiel li jkun sfieq u jarġa' jħawwilhom bgħid minn xulxin.

GHASFUR – Dak il-għoli tat-trab li jħallu fi ġnubhom ix-xatba u l-moħriet. Tal-moħriet jgħidulu sewwa dahar il-ħadd jew *għasfur il-ħadd*. *Għasfur tat-taħrik*, "a decoy bird". L-għasafar tal-bejt jitilqu għal Malta għal Jannar. Għal Frar kollha jkunu hawn. Jibdew isiefru meta jirtafa' l-andar u sa jispiċċa t-tin sal-Vitorja kollha jbewwġu".

GHASSÀRA – Għadira mutjana; jew fejn hemm it-tgħafliż, tajn u ċfales.

GHASRI – Taħt l-art. "Meta l-għasri jkun imdaħħan ir-riħ ikun fi ħsiebu jkompli".

GHATLA – Barraxa tal-ħarrâta.

GHATI (fil-ktir GHETIEN) – Dak li jagħti (għoti) jew dak li jgħatti (għata) ir-raba', il-wiċċ, l-uċuħ.

GHAWED, JAGHWED – Raġa', jarġa' mill-ħsieb lura; għamel ħsieb u bdielu. "Dejjem jagħwed". Ma żammetx (xi bhima tat-tgħammir): 'Il-mogħża n-nejxa għawdet'.

GHAWRA – Bħal toqba, tagħwira. "Il-fniek jagħmlu għawra biex iferrgħu fiha".

GHAWWIEBA – Kantuniera.

GHAŻAŻA – Hal ta' min wasal ruħu fi snienu jew wasal ta' min qata' jiesu, rabja. "Dak il-kelb qabditu l-għażaża".

GHAŻŻA, GHAŻEŻ – Rikkieba, plier żgħir, baxx f'tarf il-bankina, li llum inqatgħu; aktarx quddiem id-djar tas-sinjuri. "B'tużżana għażeż mat-truf tal-bankina kollha jorbtuha qishom bokkli".

GHAŻLA – Xeħta bini magħżula għaliha. "Bejn il-għażla tan-Nigret u ż-Żurrieq".

GHAŻŻEB, IGHAŻŻEB – Dejjaq, idejjaq. "Kif għażżibtni", jiġifieri "Kif dejjaqtni".

GHAŻŻIEL, GHAŻŻIELA – Dak il-werżieq ta' bi nhar li joħroġ iserser f'Awissu, żmien is-sajran tal-għeneb; ikun minn lewn iz-zokk, malli jxomm il-bniedem jiskot mill-għajjat.

GHENA, JAGHNI – Għamel, jagħmel għani, jimla bil-għana. "Alla jagħnina sikwit bil-ħniena tiegħu", "għanih b'kull ġid".

GHENEB – "*Għeneb id-dib* huwa semm għall-ħnieżer u s-sriedek".

GHERQ – *Ma' għerq, minn għerq*, "rasente", ma' ġenb, mill-qrib li għoddu jmiss. "Għadda minn għerqi" ("ma' ġenbi sewwa"); "Il-ġurdien għadda m'għerq il-ħajt".

GHERQ SINJUR – Bħal faqqiegħa jew għerq li tinbet fuq il-Ħaġra tal-Ġeneral biss f'Għawdex. (Illum nafu li tikber ukoll f'imkejjen oħra – G.C.P.).

GHEĠEJLA – Iċ-ċkejkuna ta' għoġla.

GHIRWA – Ingassa. "Għirwa ta' marella", "għirwa ta' ħabel tat-tagħbija".

GHOBRA – Għakka, li niżel sħiħ, li xjieħ għall-aħħar. "Quddiesa tismagħha, imqar tkun għobra!"

GHOLA – "Għola n-nhar", id-dawl tax-xemx ta aktar.

GHOLI – Wara fiż-żmien. "Il-Karnival ħabat għoli dis-sena".

GHOROX, JOGHROX – "Zoppicare". "Iż-żiemel jogħrox meta juri li hu daqsxejn imwaġġa'; u jogħrox mill-kurduna, 'l fuq min-nagħla".

GHOŻŻOT GHALIK – Bu għalik! "Fie upon thee! Out upon thee!". "Għożżot għalik, Jannar, għax għalaqt lili u n-nagħġiet tiegħi ġewwa l-għar".

GHWEJŻEB – (Dim. ta' *għażeb*) Tifel imxittel sewwa, ngħidu aħna ta' ħmistax-il sena.

GHUDA – "Għuda tat-tagħbija", aktarx ikunu tnejn li magħhom jorbtu bil-ħabel it-tagħbi kbar fuq il-karettun.

TMIEM

## IL-ĠEMEL

*Sejħulek: "Ġemel",*
*u donnhom stagħġbu bik!*
*Rawk hekk sabiħ*
*li minn fuq ismek ħarġu*
*il-kelma "ġmiel".*
*U sirt qisek sultan*
*ta' kull sbuħija.*

*Hemm int!*
*Għaddej b'pass tqil*
*donnok għadek kemm qomt minn marda twila.*
*Fuq dahrek għandek*
*ħotba li ġġib il-bard*
*f'kull min jaraha.*
*U rasek*
*kbira, daqsiex;*
*u hi hekk tqila*
*li għonqok,*
*mislut u twil,*
*ma jiflaħhiex.*
*U int Missier il-Ġmiel!*

*Hag' għandek tajba,*
*u din tagħmlek sabiħ:*
*inti sultan il-waħx*
*ta' ġod-deżert!*
*Int tgħix fejn hemm il-għatx,*
*fejn tikwi x-xemx.*
*Hliefek,*
*fis-saltna tiegħek,*
*bhima oħra ma tgħammarx.*

*Inti sabiħ tassew:*
*għax inti ħaj*
*fejn ħajja mhemmx.*

Valletta – 27.xii.68 PATRI DWARDU FENECH

## RADD IL-HAJR

*Mulejja, nizzik ħajr*
*talli ħallejtni*
*naqdef għal rasi,*
*u hekk ħassejtni sirt*

*raġel magħmul*
*sakemm il-baħar tqalla'*
*u resqet lejja*
*il-mewt b'idejha kiesħa biex tgħannaqni*
*u tibqa' nieżla bija*
*ġo qiegħ il-baħar.*
*Għall-ewwel xejn ma bsart x'kien lest għalija*
*u fraħt meta ħassejt*
*il-kesħa m'għonqi*
*u ma' spallejja*
*tberridli n-nirien kbar li kelli fija.*
*Imma fl-aħħar għodost*
*u kont qed nifga,*
*għax int, Mulej, staħbejtli.*
*U rajtha l-Mewt*
*mhux darba u tnejn*
*tiftaħ dirgħajha biex tħaddanni magħha*
*u titfa' l-bews qarrieq.*

*Mulejja, nizzik ħajr*
*talli tbissimtli*
*kif jiena ftakart fik xħin kont taħt l-ilma,*
*u ndimt*
*milli għamilt,*
*għaliex fik rajt*
*il-Missier twajjeb*
*li jitbissem*
*meta*
*jilmaħ lil ibnu jiġbed sebgħu bl-herra*
*minn fuq ix-xemgħa taqbad.*

*Mulejja, nizzik ħajr*
*talli,*
*wara li nqastek,*
*għarraftni l-kobor tal-Imħabba tiegħek:*
*int tħobb bla kliem*
*lil min jagħmel is-sewwa;*
*u 'l min*
*jaħbat iħottlok dak li tajjeb hu,*
*terfgħu minn qiegħ il-wied,*
*u tiġbdu lejk*
*bi ftit tbissim.*

Valletta – 26.xii.68 PATRI DWARDU FENECH

*Stampat l-M.U.P.*